Festa
Qalb bla tebgħa ta' Marija
Burmarrad - 2026


Bonnici group
SINCE 1978
Bonnici Client Services:
Consult. Feasibility.
Design. Planning.
Sustainability. Ethically
Source. Build. Quality
Assure. Deliver. Manage.
Bonnici Portfolio:
Private Dwellings.
Commercial Facilities.
Community Improvement
Projects. Infrastructure.
Aerospace. Plant &
Machinery.
Let's Talk About Your Visions!
Please Visit:
www.bbg.com.mt

Ħinijiet tal-Quddies:
Mit-Tnejn sas-Sibt:
fil-5.30am, fis-6.15pm (fix-Xitwa)
jew fis-7.00pm (fis-Sajf)
Il-Ħadd: fis-6.00am, fl-10.00am
u fis-7.00pm

Jekk tixtieq tikkuntattjana:
Parroċċa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija
Triq Burmarrad
Burmarrad SPB 9065

Tel: 21573045 / 77622275
Facebook:
Il-Parroċċa ta' Burmarrad
Website:
www.parroccaburmarrad.com
Email:
parrocca.burmarrad@maltadiocese.org

Kummissjoni Festa Qalb bla tebgħa ta' Marija, Burmarrad
VO/1722
VAT No: 26091812 (exempt)
Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija
141, Triq Burmarrad
Burmarrad SPB 9065

Tel: 21573045
Facebook:
Festa Qalb bla tebgħa ta' Marija
– Burmarrad
Email:
festa@parroccaburmarrad.com

Issettjat u Stampat:
Best Print Co. Ltd, il-Qrendi

Werrej

Messaġġ mill-Kappillan 2
Messaġġ mis-Sindku 4
Messaġġ mill-Vigarju Provinċjali 6
Messaġġ mis-Segretarju tal-Kummissjoni Festa 8
Messaġġ mill-Kaxxier tal-Kummissjoni Festa 10
Messaġġ mid-Delegat tal-Armar tal-Festa 12
Kummissjoni Festa Burmarrad 2025-2026 .. 13
Messaġġ mis-Segretarja tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali 16
Ir-Relikwa ta' San Franġisk u Ommna Marija 20
Ftuħ tat-VIII Ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk ta' Assisi 25
Il-Knisja ta' San Mikiel 29
Mill-Album tal-Parroċċa 2025-2026 36
Programm tal-Festa Titulari 38
Programm tal-Festa Esterna 40
F'ismek raħal jagħmel festa 42
Transtu tal-Patrijarka Missierna San Franġisk 46
Ir-relikwa tal-ġilda tal-kamoxxa 54
Beatu Ġwanni Duns Scotus (1265-1308) 58
Imħabbet San Franġisk lejn il-Verġni Marija 62
Il-Parroċċa fl-Oqsma ta' Publju 66

Meta spiċċa l-inbid

Messaġġ mill-Kappillan

Għeżież,

Kull festa li niċċelebraw hija mument sabiħ li jressaqna flimkien biex, waqt li nħallu r-rutina tas-soltu, napprezzaw aktar dak li hu għażiż għalina u li jtina identità.

Filwaqt li din l-okkażjoni sservi biex niltaqgħu u niġġeddu fil-ħbiberiji ta' bejnietna, għal uħud il-Festa Titulari ġġib magħha ħafna xogħol u impenn li minnhom nibbenefikaw ilkoll. Għaldaqstant nibda dan il-messaġġ tiegħi billi f'isem il-komunità kollha ta' Burmarrad nirringrazzja lil dawk li jiddedikaw ħinhom u l-enerġija tagħhom biex inkunu nistgħu niċċelebraw festa sempliċi u sabiħa fir-raħal ċkejken tagħna.

Lil Ġesù u lil Ommu Marija l-Evanġelju ta' sikwit jippreżentahomlna jieħdu sehem f'xi waħda mill-festi li l-poplu Lhudi kien jiċċelebra f'Ġerusalemm; imma hemm ġrajja partikulari li fiha, Ġesù u Marija, minn mistednin isibu ruħhom protagonisti. L-għarajjes fit-tieġ ta' Kana kienu sa jispiċċaw f'ilsien in-nies li kieku Marija ma ntebħitx li ma kienx fadal inbid. Kif setgħu jiċċelebraw mingħajr ix-xorb li, fil-kultura semitika tagħhom, kien is-simbolu tal-festa?

Marija tistieden lil dawk li kienu qed jieħdu ħsieb il-festa biex jagħmlu dak li jgħidilhom Ġesù. Dan jitlobhom li jimlew il-ġarar li kellhom bl-ilma. Ma talabhom xejn differenti minn dak li kienu mdorrijin jagħmlu ta' sikwit, jimlew l-ilma fil-ġarar li kienu hemm għall-ħasil ritwali. Iżda fi kliem Ġesù kien hemm sejħa lill-bniedem biex joffri dak li għandu u jafda lill-Mulej.

Din hija l-istess stedina li Marija tagħmel lilna aħna u nħarsu lejn il-qalb safja tagħha. Omm Ġesù u ommna tistieden lilna llum biex nisimgħu – fost il-ġenn ta' ħafna ilħna li jidwu f'ħajjitna – il-leħen għażiż ta' Ġesù; issejjiħilna biex nagħmlu dak li jgħidilna hu. Hija din il-fiduċja fil-Kelma tiegħu li tagħmilna Nsara tassew u dixxipli tiegħu. Ġesù jitlobna li npoġġu

quddiemu lilna nfusna, dak li aħna, il-limiti tagħna – il-ġarar tal-ilma li huma sinjal tal-umanità dgħajfa tagħna.

Jekk inpoġġu ħajjitna b'fiduċja quddiem Ġesù, hu jittrasforma dak li hu uman f'esperjenza ta' mħabba divina. L-ilma tal-ħajja limitata tagħna, il-biża' tal-festa tat-tieġ li kienet sa tinbidel f'umiljazzjoni għall-għarajjes, isiru abbundanza tal-itjeb inbid, ta' festa li ma tqarraqx bis-sensi tagħna.

Filwaqt li d-drawwa kienet li, meta l-mistednin ikunu xorbu xarba nbid tajjeb, jippreżentaw inbid orħos biex il-mistednin jikkuntentaw bih, f'dan it-tieġ – simbolu tal-għaqda ta' Alla mal-bniedem – Ġesù joffri l-aqwa inbid li jservi sal-aħħar.

Alla ma jridx li nikkuntentaw b'ħajja medjokri, ma jridx jilludina b'wegħdi fiergħa u b'festi li jaljenawna għal ftit.

Jalla aħna u niċċelebraw din il-festa f'ġieħ il-Qalb bla tebgħa tal-Verġni Marija, niskopru fi kliem Ġesù l-imħabba awtentika li Alla jrid jgħaqqadna miegħu biha. Jalla aħna u nisimgħu lil Marija tħeġġiġna biex nagħmlu dak li jgħidilna Ġesù, bħalha nitgħallmu ngħożżu kull kelma tiegħu f'qalbna. Jalla l-ferħ ta' dawn il-jiem jissarraf f'għaqda u hena li jagħnu lill-komunità tagħna.

Minn qalbi nixtiqilkom il-festa t-tajba!

P. Christian Anthony Borg OFM Conv.

Apprezzament għall-komunitajiet

Messaġġ mis-Sindku

Għal darba oħra wasal iż-żmien tal-festa li tiġi ċċelebrata f'Burmarrad. Kull festa ġġib magħha ammont kbir ta' xogħol għal dawk kollha li jaħdmu għall-festa interna u dik esterna.

Il-festa ġġib magħha perjodu ta' iktar taħbit, ibda mill-Kappillan u l-Viċi-Kappillan u l-membri kollha tal-Kummissjoni Festa. Il-parti reliġjuża marbuta mal-festa hi waħda importanti ħafna u daqstant ieħor huma importanti l-attivitajiet li jsiru fuq barra.

Il-parti reliġjuża titlob preparazzjoni serja minn dawk li jkunu se jieħdu sehem sabiex il-messaġġ reliġjuż ikun jista' jitwassal b'mod ċar. Mill-banda l-oħra festa mingħajr l-attivitajiet esterni, ħafna drabi titqies bħala waħda li mhix kompluta u li għandha xi ħaġa nieqsa. Huwa għalhekk li anke l-attivitajiet ta' barra huma importanti.

Meta għandek lokalità relattivament żgħira, bħalma hu Burmarrad, ikun hemm bżonn ta' impenn ikbar minn kulħadd. Għal dan il-għan inħossni fid-dmir li ngħid grazzi lill-voluntiera kollha. Il-volontarjat sar iktar diffiċli, u allura, bħala Sindku nħossni fid-dmir li nirringrazzja lil kull wieħed u waħda mill-membri involuti fil-ħidma lokali.

Bħala Sindku, u f'isem il-Kunsill, nixtieq nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lilkom residenti ta' Burmarrad tal-koperazzjoni f'dak kollu li nkunu qed nagħmlu, tal-parteċipazzjoni sabiex il-lokalità tinżamm aħjar, u tal-fatt li b'mod ġenerali tosservaw ir-regoli li għandhom jitħaddmu fil-lokalità. Dan importanti li ngħidu għaliex meta jkollok lokalità bħalma hi San Pawl il-Baħar u li fiha hemm realtajiet soċjali differenti ħafna minn xulxin, l-apprezzament għall-komunitajiet li jgħinu għall-andament aħjar tal-lokalità għandu jkun qawwi.

Bħal dejjem, nispera li dan il-perjodu tal-festa jġib miegħu iktar paċi u serenità lill-familji tagħna, fit-toroq tagħna u madwar il-lokalità. Nawgura l-festa t-tajba lil dawk kollha li joqogħdu Burmarrad, lil dawk li jaħdmu fil-lokalità, u b'mod partikulari lil dawk li jaħdmu biex il-festa tkun suċċess. Grazzi mill-qalb ta' dak kollu li twettqu.

Perit Ċensu Galea

Tai
Wigi

Tisma', tifhem u tgħix

Messaġġ mill-Vigarju Provinċjali

"Ma kontux tafu li jiena rrid nieħu ħsieb l-affarijiet ta' Missieri?" (Luqa 2:49). Marija u Ġużeppi, jgħid l-Evanġelista, jisimgħu mingħajr ma jifhmu dak li jgħid Ġesù. Quddiem l-affarijiet li nisimgħu u li jħawduna għandna żewġ possibbiltajiet: jew inwarrbuhom, jiġifieri ma naħsbux dwarhom, jew nippruvaw indawluhom, bil-paċenzja, biex nifhmuhom u ndaħħluhom fil-pjan akbar li Alla, jum wara jum jinseġ fil-Providenza tiegħu għal kull wieħed u waħda minna. Marija tappartjeni b'mod eżemplari għal dan it-tieni grupp. Hija tisma' u timmedita fil-qalb biex tifhem u tilqa' fil-ħajja tagħha, fil-ħajja tal-persuni li tħobb, fl-istorja, ir-rieda ta' Alla.

Fl-okkażjoni tal-festa tal-parroċċa tagħna naħseb li din ir-riflessjoni għandha tkun għalina ta' kuraġġ u determinazzjoni biex niskopru aktar ir-rieda ta' Alla f'ħajjitna. Biex tgħinna nagħmlu dan għandna lil Marija li għax skopriet lil Alla u l-pjan tiegħu għaliha, allura qalbha saret bla tebgħa għax fiha issa jgħammar Alla. Huwa dan li nifhmu meta fil-ferħ tagħna f'dawn il-jiem niċċelebraw il-Qalb bla tebgħa ta' Marija: niċċelebraw qalb mimlija b'Alla. Marija tinterċedi għand il-Missier biex ikun jista' jsostnina fit-tiswir ta' qalb li taf tisma' u timmedita fil-fond il-Kelma.

F'din is-sena li fiha qed niċċelebraw ukoll għeluq it-800 sena mill-mewt ta' Missierna San Franġisk niftakru fl-imħabba kbira li dan il-qaddis fqajjar u umli kellu lejn Omm Alla. Sejħilha "palazz", "tabernaklu", "dar", "ilbies", "qaddejja", "omm" ta' Alla l-aktar għoli għax għaraf fiha dik li qalbha kienet mogħtija għal kollox għas-sid tagħha. Jalla aħna wkoll ngħarfu lil Alla bħala l-unika Mgħallem ta' ħajjitna u jalla aħna nkunu strumenti li permezz tagħhom ngħaddu l-imħabba tiegħu lill-oħrajn.

"Qaddisa Marija, mara li tilqa', għinna nilqgħu l-Kelma fil-fond tal-qalb. Jiġifieri nifhmu, kif fhimt int, l-interventi ta' Alla fil-ħajja tagħna. Hu ma jħabbatx fuq il-bieb biex ikeċċina, imma biex jimla s-solitudni tagħna bid-dawl. Ma jidħolx fid-dar biex ipoġġilna l-manetti, imma biex jerġa' jagħtina t-togħma tal-libertà vera". Dan il-kliem tal-Isqof Qaddis Tonino Bello jgħinna nitolbu lil Alla l-għerf ta' Alla l-Missier.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!

P. Paul Darmanin OFM Conv.

CARS AND MORE

VEHICLE SALES | IMPORTS | VALETING

For all your motoring needs **www.cam.com.mt**

91, Cars and More, Triq Burmarrad

QUALITY APPROVED CARS

We search the local and international market to find the best quality cars. All vehicles in stock have been fully prepared and can be inspected and test driven. From budget cars to vintage, from luxury cars to people carriers, we have the car for you.
Part-Exchange & Monthly Payments Accepted

CUSTOM IMPORTS

We can import your dream car.
Using our international contacts, we can inspect, deliver and register any vehicle at the best price possible. Contact us to receive a hassle free, all-inclusive detailed quotation.



CARPLAY / ANDROID AUTO / PARKING AID

Modernise your car by adding Apple Carplay or Android Auto! Models available for most makes & models. We als o install premium flush-mount sensors or HD reversing cameras with integrated LCD screens. Packages start from €95 including installation.

VALETING & CERAMIC COATING

We take a great deal of pride in our work, whether it is a routine clean, 'back to new' valet, paint correction or preventive care. We use the best quality products, latest equipment and proven methods together with the attention to detail that is often overlooked. Prices starting from €35.

Check out our current collection on our website or facebook page.

Get in touch! 79300822 / 99823737 info@cam.com.mt

Realtajiet ġodda

Messaġġ mis-Segretarju tal-Kummissjoni Festa

Sena oħra għaddiet f'ħakka t'għajn u reġa' wasal Ġunju – xahar mimli stennija u ħajja li ġġib magħha l-Festa Titulari tant għażiża għalina. Din is-sena, il-festa se tiġi ċċelebrata bejn il-Ġimgħa 19 u l-Ħadd 28 ta' Ġunju u twiegħed għaxart ijiem ta' devozzjoni, tradizzjoni u ċelebrazzjoni.

Il-qofol tal-festa jintlaħaq bil-purċissjoni bil-vara titulari, mument li fih il-komunità kollha tingħabar f'atmosfera ta' devozzjoni u għaqda. Il-vara titulari nħadmet fi Spanja fl-1960 u sitt snin wara ġiet imżejna b'sett ta' erba' anġli magħmula f'Bolzano, l-Italja. Aktar tard, fl-2007 din ġiet irrestawrata mill-mibki skultur is-Sur Renzo Gauci b'xogħol fl-induratura tas-Sur John Orlando. F'dan il-jum tant mistenni, il-purċissjoni ma tkunx biss tradizzjoni imma esperjenza ħajja ta' fidi li twassalna biex nimxu flimkien ma' Ommna Marija u nirriflettu fuq il-ġmiel tal-Qalb bla tebgħa tagħha.

L-isfidi ma jonqsu qatt. Sena wara sena nħabbtu wiċċna ma' realtajiet ġodda li jitolbu aktar impenn u dedikazzjoni. Madankollu, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, dejjem sibna s-saħħa biex negħlbuhom u nimxu 'l quddiem b'kuraġġ. L-ispejjeż qed jiżdiedu kontinwament u matul is-sena norganizzaw firxa ta' attivitajiet sabiex inżommu l-festa ħajja. Fost l-aktar popolari hemm id-delivery tal-ħelu magħmul minna stess – inizjattiva li tgħaqqad it-tradizzjoni mal-ġenerożità tagħkom. Għalhekk inħeġġeġ lil kulħadd biex jibqa' jagħti l-għajnuna għax bil-għajnuna mingħand il-ħafna nkunu nistgħu nkomplu nsaħħu din il-festa li hi tant għal qalbna.

Il-volontarjat mhux dejjem faċli għaliex jitlob ħin, sagrifiċċju u impenn mingħajr ebda ħlas. Iżda s-sodisfazzjon li tħoss meta tara attività tirnexxi u ġġib ferħ lill-oħrajn huwa kbir. Għalhekk nappella lil kull min jixtieq jingħaqad magħna jew jagħti ftit mill-ħin tiegħu sabiex jagħmel kuraġġ u jkellem lil xi membru tal-Kummissjoni. Ma kinitx deċiżjoni faċli li nnaqqsu l-armar iżda r-realtà tan-nuqqas ta' għajnuna wasslitna biex f'dawn l-aħħar

snin nirrikorru anki għas-servizzi ta' kuntrattur sabiex jgħinna – pass meħtieġ li iżda jżid aktar spejjeż.

Nagħlaq dan il-messaġġ b'ringrazzjament lill-membri kollha tal-Kummissjoni għall-ħidma volontarja u bla heda tagħhom. Grazzi wkoll lill-voluntiera kollha li matul is-sena jagħtu s-sehem tagħhom b'tant ġenerożità. U fuq kollox, grazzi lilkom benefatturi li bl-appoġġ finanzjarju tagħkom tkomplu tagħtuna kuraġġ u tgħinuna fil-ħidma tagħna.

Nawgura lill-parruċċani ta' Burmarrad il-festa t-tajba u nistedinkom tingħaqdu magħna fiċ-ċelebrazzjonijiet u fl-attivitajiet kollha li se norganizzaw f'dawn il-jiem sabiex ikollna festa kif tixraq lill-għażiża Ommna Marija taħt it-titlu tal-Qalb bla tebgħa.

Qalb bla tebgħa ta' Marija
żommna dejjem bogħod mill-ħtija

Viva l-Qalb bla tebgħa ta' Marija!

Charlot Agius Sammut

Investiment għaqli bi pjan u sagrifiċċju

Messaġġ mill-Kaxxier tal-Kummissjoni Festa

Għeżież,

Hekk kif qegħdin noqorbu lejn iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-patruna tagħna, il-Qalb bla tebgħa ta' Marija, nixtieq naqsam magħkom dawn l-erba' kelmiet dwar il-ħidma kontinwa ta' matul is-sena b'risq il-festa fir-raħal ta' Burmarrad.

Nibda billi nirringrazzja lil dawk in-nies kollha li b'xi mod jew ieħor jgħinu lill-Kummissjoni Festa fl-attivitajiet li jsiru matul is-sena kollha, kemm b'mod manwali kif ukoll bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet. L-involviment tagħkom f'dawn l-attivitajiet huwa ta' sostenn għalina u jkompli jagħti l-qalb lilna l-voluntiera sabiex nibqgħu naħdmu għall-organizzazzjoni tal-festa.

Kif semmejt aktar qabel, apparti l-ħidma volontarja mill-membri u numru ta' nies oħra li jagħtu l-għajnuna tagħhom waqt l-armar, il-Kummissjoni Festa tieħu ħsieb torganizza għadd t'attivitajiet matul is-sena li jgħinu biex jinġabru fondi sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tkompli bil-ħidma tagħha b'risq il-festa. Fost dawn l-attivitajiet insibu l-bejgħ ta' ħelu u ikel matul is-sena, l-armar ta' numru ta' toroq fi żmien il-Milied u l-pubblikazzjoni tal-kalendarju. Għal darb'oħra nirringrazzja lil dawk l-individwi u kumpaniji li jagħżlu li jirriklamaw magħna u jkunu qegħdin jagħtu l-għajnuna finanzjarja tagħhom. Nappella għal aktar għajnuna finanzjarja fid-dawl tal-fatt li l-ispejjeż biex tiġi organizzata l-festa huma kbar u qegħdin kull ma jmur jiżdiedu.

Apparti l-ġbir ta' fondi, il-Kummissjoni tieħu ħsieb tkompli tinvesti fi proġetti kapitali. Wara li s-sena l-oħra tlesta sett ta' żewġ anġli devozzjonali bil-għajnuna ta' fondi mill-Kunsill Malti għall-Arti, din is-sena sar xogħol ta' żebgħa u rħamar taż-żewġ pedestalli li fuqhom jitpoġġew dawn iż-żewġ statwi. Dan l-investiment tħallas fil-maġġoranza tiegħu fis-sena finanzjarja 2025.

Barra minn hekk, il-membri tal-Kummissjoni, b'ħafna sagrifiċċji, jkomplu bil-ħidma volontarja matul is-sena b'xogħol ta' manutenzjoni fuq l-armar kollu li jintuża fi żmien il-festa. Nappella lil dawk kollha interessati li joffru l-għajnuna tagħhom f'dan ix-xogħol sabiex ikellmu lil xi membru tal-Kummissjoni. Kull għajnuna, żgħira kemm hi żgħira hija apprezzata u tkompli tħeġġeġ lill-kumplament tal-voluntiera sabiex ikomplu jaħdmu b'risq il-festa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Hawn isfel għandkom issibu sommarju tar-rendikont finanzjarju għall-Festa 2025:

Dħul		**Ħruġ**	
Donazzjonijiet	€4,844.00	Spejjeż festa	€12,128.00
Attivitajiet	€3,922.00	Spejjeż armar	€13,805.00
Riklami	€1,897.00	Spejjeż oħra	€686.00
Armar tal-Milied	€5,226.00		
Dħul ieħor	€1,800.00		
Total Dħul	**€17,689.00**	**Total Ħruġ**	**€26,619.00**
		Żbilanċ Festa 2025	**€8,930.00**

Nota: *Pagamenti għal xogħlijiet li bdew fis-sena 2024 u li kienu pprogettati għar-rendikont finanzjarju tal-2024, tlestew u thallsu fl-2025 u għalhekk ġew inklużi fir-rendikont ta' din is-sena.*

Nagħlaq dawn l-erba' kelmiet billi nirringrazzja lill-membri sħabi tal-fiduċja li wrew fija għal sena oħra fil-kariga ta' Kaxxier, kif ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna manwali u finanzjarja tagħhom matul is-sena fl-attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni, u lil kull min joffri s-servizzi tiegħu sabiex jiġu organizzati dawn l-attivitajiet, b'mod speċjali l-festa.

Inħeġġeġ lill-parruċċani kollha sabiex ningħaqdu lkoll flimkien f'dawn il-jiem ta' festa u nieħdu sehem fl-attivitajiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li jiġu organizzati matul dan iż-żmien bi tħejjija għall-festa sabiex ikollna festa kif tixraq lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Viva l-Qalb bla tebgħa ta' Marija! Il-festa t-tajba lil kulħadd!

David Kingswell

Ħajr lil dawk kollha li wasslu l-messaġġi u l-artikli għall-Ktieb tal-Festa 2026 u anke lil dawk li għoġobhom jirriklamaw f'dan il-ktejjeb.

Dedikazzjoni, impenn u rispett

Messaġġ mid-Delegat tal-Armar tal-Festa

Għaddiet sena oħra u bħala delegat tal-armar tal-Kummissjoni Festa nixtieq niddokumenta l-progress u l-isfidi li r-raħal tagħna qed iħabbat wiċċu magħhom fil-preparazzjoni għall-festa ddedikata lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Din il-pubblikazzjoni annwali tagħti ħarsa ħafifa lejn il-ħidma li tkun seħħet matul is-sena. Minkejja li l-festa tagħna hija waħda żgħira meta mqabbla ma' dawk ta' rħula oħra, hija xorta waħda organizzata b'dedikazzjoni, impenn u rispett.

Il-komunità ta' Burmarrad tħabbat wiċċha ma' sfidi kontinwi biex tiżgura t-tqegħid f'postu tal-armar għal din il-festa, proċess li jitlob sagrifiċċji sinifikanti mill-membri tal-Kummissjoni kif ukoll minn individwi oħra. Importanti li nfakkru li dan ix-xogħol isir kollu volontarjament. L-aspetti relatati mal-finanzi qed joħolqu aktar diffikultajiet u għaldaqstant napprezza b'mod partikulari l-kontribut ġeneruż ta' dawk kollha li jgħinu b'diversi modi tul is-sena sabiex jinġabru l-fondi neċessarji. Kull għajnuna hija apprezzata u tkompli tgħin lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha.

Din is-sena, il-Kummissjoni reġgħet kienet fdatha mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar sabiex tieħu ħsieb l-armar tat-toroq ta' Burmarrad fi żmien il-Milied u din is-sena żidna l-armar ħdejn is-snin l-imgħoddija. Din hi responsabbiltà miżjuda li tinvolvi aktar xogħol u dedikazzjoni u tgħin biex issebbaħ il-lokalità fil-festi tal-Milied u fl-istess ħin ittaffi l-ispejjeż finanzjarji tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq il-proġett tat-tmintax-il bandalora bis-simboli Marjani li jiġu armati mad-dawra taz-zuntier; din is-sena huwa mistenni li jkun lest is-sett sħiħ. Kif jiġri fi proġetti simili, il-Kummissjoni mhux dejjem ikollha kontroll assolut fuq il-progress tax-xogħol, iżda nħarsu b'ottimiżmu lejn il-futur sabiex dawn il-bandalori jsebbħu d-dehra tar-raħal waqt il-festa u jservu ta' riflessjoni dwar is-sbuħija tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Ix-xogħol fuq iż-żewġ pedestalli li s-sena l-oħra ntramaw quddiem il-knisja u li fuqhom jitpoġġew l-istatwi tal-anġli devozzjonali tlesta bil-kisja tal-irħamar, xogħol tas-Sur Raymond Galea li issa għandu rabta mal-festa tagħna.

Tkompliet ukoll il-manutenzjoni fil-garaxxijiet fejn jinżamm l-armar. Kontinwament qed jiġu mtejba l-imħażen sabiex dawn isiru aktar aċċessibbli filwaqt li jżommu l-armar f'kundizzjoni tajba.

Waħda mill-akbar sfidi li qed tħabbat wiċċha magħha l-Kummissjoni hija n-nuqqas ta' għajnuna manwali. Id-daqs żgħir ta' Burmarrad jagħmel dan aktar evidenti hekk kif ix-xogħol jaqa' spiss fuq l-istess persuni. Nappella sabiex membri ġodda jingħaqdu magħna u jgħinu sabiex inkomplu nagħmlu festa kif jixraq lil Sidtna Marija.

Kull tip ta' għajnuna mogħtija minn nies differenti tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ħidma tal-Kummissjoni. Inħeġġeġ lil kull min jixtieq jagħti sehmu sabiex ikellem lil xi membru tal-Kummissjoni. Nirrikonoxxi wkoll u napprezza l-appoġġ u l-impenn ta' voluntiera barranin għall-parroċċa tagħna.

Bħala konklużjoni, nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kummissjoni u lil kull min b'xi mod jew ieħor jagħti għajnuna u appoġġ tul il-perjodu tal-festa, kif ukoll fiż-żmien ta' wara l-festa meta l-armar ikun irid jidħol lura fl-imħażen b'ħafna attenzjoni. Grazzi mill-qalb tal-ħidma u d-dedikazzjoni tagħkom.

Nappella lilkom parruċċani kollha sabiex tieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-attivitajiet tal-festa sabiex flimkien nagħtu ġieħ xieraq lil Ommna taħt it-titlu tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Viva l-Qalb bla tebgħa ta' Marija!

Frankie Grech

Kummissjoni Festa Burmarrad 2025-2026

President: Il-Kappillan P. Christian Borg OFM Conv.
Segretarju: Charlot Agius Sammut
Kaxxier: David Kingswell
Delegat tal-Armar: Frankie Grech
Assistent Segretarju: Jean Pierre Cascun
Assistenta Kaxxiera: Giacinta Agius
Assistent Delegat tal-Armar: James Inguanez
Membri oħra:
P. Allister Aquilina OFM Conv., u Francesca Grech

FRESH POULTRY
TA' GAUCI
EST 1977
& MEAT IMPORTS

Carl's Cabs
School Transport & Airport Transfers
carlvella2@gmail.com +356 9931 0717

Active Learning

Childcare Centre

Where little minds
grow through play

A warm, nurturing and inspiring environment where children **connect, explore, grow** and develop a lifelong love for learning.

A home away from home where children feel safe, valued and confident to thrive every day.

WHAT MAKES US SPECIAL

Child Led Play-Based Learning
Encouraging curiosity, creativity and holistic development.

Safe & Nurturing Environment
Clean, secure and supportive for every child.

Outdoor Play
Active play and connection outside for healthy growth.

Small Groups & Individual Attention
Supporting every child's unique journey

Strong Parent Partnerships
Open communication and partnership with families.

Screen-Free Environment
Real experiences, hands-on learning and meaningful interactions.

We'd love to welcome your family!

(+356) 7906 7197
alcc.malta@gmail.com
activelearningcarecentre
@activelearningchildcarecentre

Our Locations
Burmarrad • Mosta • Msida/Swatar

Appoġġ lill-komunità

Messaġġ mis-Segretarja tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd u jibqa' għaddej kontinwament. Għaddiet sena oħra u qegħdin inħarsu 'l quddiem lejn il-jum speċjali ta' Burmarrad, jum il-festa tal-maħbuba tagħna, Il-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Bħala Segretarja tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali jmiss lili nikteb dawn il-kelmtejn sabiex niċċelebra l-jum speċjali tagħna b'enfasi fuq l-appoġġ lill-komunità, din is-sena mhux bħala persuna ġdida fil-parroċċa iżda bħala persuna li kibret sena oħra f'kuntatt ma' ħafna minn dak li jiġri fil-komunità tagħna.

Ir-rwol segretarjali tiegħi fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali jagħtini l-fakultà li nkun parti mill-ippjanar kontinwu sabiex il-Parroċċa ta' Burmarrad tibqa' komunità ħajja u waħda li tilqa' fi ħdanha lil uliedha. Ix-xogħol tal-organizzazzjoni huwa wieħed kontinwu li jeħtieġ ħafna ħin u li jistrieħ fuq spallejn ftit parruċċani mmexxija mill-Kappillan tal-Parroċċa Fr. Chris u megħjun minn Fr. Allister. Ix-xogħol isir b'imħabba u għożża u jieħu ħsieb il-bżonnijiet differenti tal-komunità.

B'amministrazzjoni għaqlija u grazzi għall-ġenerożità tal-parruċċani, il-parroċċa jirnexxielha taqdi tajjeb il-ħtiġijiet finanzjarji. Madankollu hemm għajnuna oħra li hija meħtieġa: l-għajnuna fiżika. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-ħin tagħhom fl-organizzazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet u l-attivitajiet filwaqt li napprezza l-preżenza ta' dawk li jattendu u nħeġġeġ oħrajn sabiex jagħtu sehemhom u jkunu preżenti. Żgur li jista' jkollna bżonn nagħżlu liema nattendu u liema nwarrbu mal-ġenb iżda nemmen li b'ippjanar tajjeb ikun possibbli li nattendu għal aktar ċelebrazzjonijiet u attivitajiet tal-parroċċa.

Il-maġġoranza tal-attivitajiet tal-komunità ġeneralment huma marbuta ma' ċelebrazzjonijiet reliġjużi bħall-Milied u l-Għid li jagħtuna wkoll ħin għall-attivitajiet oħra mhux relatati mal-parroċċa. L-appoġġ tagħna f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet matul dawn iż-żminijiet mhux biss juri l-appoġġ

lill-komunità iżda aktar importanti juri li l-lum il-ġurnata r-reliġjon u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi għadhom ħajjin.

Għal sena oħra, il-Kummissjoni Festa ħejjiet programm sħiħ u varjat ta' attivitajiet, kemm reliġjużi kif ukoll soċjali. Nagħlaq dawn il-kelmtejn bi stedina mill-qalb sabiex intom flimkien mal-familji u l-ħbieb tagħkom tkunu magħna lkoll sabiex nagħmlu festa xierqa lil Ommna Marija.

Viva l-Qalb bla tebgħa ta' Marija!

Bernadette Izzo

Mill-Kitbiet ta' San Franġisk Tislima lill-Verġni Marija

Sliem, o Sinjura,
Sultana Qaddisa, Marija,
Omm Qaddisa ta' Alla,
int il-Verġni magħmula Knisja.
Dik magħżula fis-sema
mill-Missier l-aktar qaddis
li kkonsagrak flimkien ma' Ibnu
l-għażiż, l-aktar qaddis
u mal-Ispirtu s-Santu, Paraklitu,
li fik kien hemm
u għad hemm
il-milja tal-grazzja u kull tjieba.

Sliem, palazz tiegħu,
Sliem, tabernaklu tiegħu,
Sliem, dar tiegħu,
Sliem, ilbies tiegħu
Sliem, qaddejja tiegħu,
Sliem, omm tiegħu!

Sliem ukoll lilkom ilkoll virtujiet qaddisa
li bil-grazzja u d-dawl
tal-Ispirtu s-Santu
tiġu msawba fil-qlub tal-fidili kollha
biex minn nies li ma jemmnux
tagħmluhom jemmnu f'Alla.

NORD

THE GOURMET FOOD MARKET

BALLUT BLOCKS

Ballut Blocks Ltd, Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel. (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY

GPC Concrete Solutions

General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653932 (356) 21653005 Fax: (356) 21658536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com

BANKOK
Best Quality Products
Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad - Malta
Tel/Fax: 21576410 • Mob: 79214441
E-mail: info@bankokproducts.com
Web: www.bankokproducts.com
GreenPak Scheme

Ir-Relikwa ta' San Franġisk u Ommna Marija

Ommna Marija u San Franġisk – Eżempju għan-Nisrani li jgħaddi mit-tbatija

Fi Frar li għadda f'Malta kellna l-opportunità li nirriflettu u nitolbu fil-preżenza tar-relikwa tal-ġilda tal-kamoxxa li kienet tgħatti l-pjaga tal-kustat ta' San Franġisk. Fil-knisja tagħna ta' Burmarrad din ir-relikwa kienet magħna fit-8 ta' Frar. Flimkien, it-tfal, iż-żgħażagħ u l-familji tal-parroċċa tagħna dakinhar waqafna u rriflettejna dwar l-impatt li l-pjagi ta' San Franġisk iħallu fil-ħajja tagħna llum. Dan kollu sar fil-kuntest sinifikanti li l-parroċċa tagħna hi ddedikata lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Meta nieqfu nikkunsidraw dal-fatt, ma ndumux ma nindunaw bir-rabta b'saħħitha li hemm bejn San Franġisk u l-pjagi tiegħu u Ommna Marija.

> Flimkien, it-tfal, iż-żgħażagħ u l-familji tal-parroċċa tagħna dakinhar waqafna u rriflettejna dwar l-impatt li l-pjagi ta' San Franġisk iħallu fil-ħajja tagħna llum.

Kemm Marija kif ukoll San Franġisk esperjenzaw tbatija kbira u ssieħbu fit-tbatija tas-salib ta' Ġesù. Marija baqgħet wieqfa ħdejn is-salib ta' binha Ġesù, filwaqt li San Franġisk, maħkum mill-imħabba ta' Kristu msallab, irċieva f'ġismu l-pjagi f'idejh, riġlejh u l-kustat. Dan hu kien iqisu bħala grazzja u barka.

Il-Kompassjoni

Dakinhar tat-8 ta' Frar irriflettejna dwar kif aħna lkoll imsejħa biex indewwu l-pjagi ta' xulxin u nuru kompassjoni ma' xulxin meta nkunu għaddejjin minn żmien diffiċli. Bħal San Franġisk aħna wkoll nistgħu nsibu l-ispirazzjoni biex nagħmlu dan minn Marija.

Teżori Veri

Tkellimna wkoll dwar teżori veri – irriflettejna dwar kif din ir-relikwa, għalkemm mhux magħmula mid-deheb jew minn ħaġar prezzjuż, xorta għandha valur imprezzabbli minħabba dak li tirrappreżenta – il-valur tat-tbatija u l-qrubija ta' San Franġisk ma' Kristu. Hawnhekk ukoll naraw parallel mat-teżor kbir li l-parroċċa tagħna għandha fil-viċinanza tagħha lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija, li kienet it-teżor li San Franġisk kien iqis b'tant għożża bħala l-kumpass tiegħu.

Marija kienet tqis lilha nnifisha bħala l-qaddejja tal-Mulej. Dejjem baxxiet rasha għar-rieda t'Alla u qatt ma fittxet li tidher speċjali għax kienet Omm Alla.

L-Umiltà

Marija kienet tqis lilha nnifisha bħala l-qaddejja tal-Mulej. Dejjem baxxiet rasha għar-rieda t'Alla u qatt ma fittxet li tidher speċjali għax kienet Omm Alla. Bħal Marija, San Franġisk huwa xhieda ta' umiltà. San Franġisk ma kienx jiftaħar bil-pjagi li kellu u jurihom biex in-nies jaħsbu li hu speċjali. Hu żamm l-uġigħ tiegħu bejnu u bejn Alla u ma fittixx li jkun rikonoxxut jew onorat.

Tbatija li m'għandhiex l-aħħar kelma

Meta nqisu lil Marija u lil San Franġisk nindunaw li għalkemm it-tbatija tagħhom kienet differenti, madankollu għat-tnejn li huma kellha sinifikat qawwi għax kienet marbuta mat-tbatija salvifika ta' Ġesù. Dawn il-kunsiderazzjonijet juruna kif it-tbatija għan-Nisrani tieħu sinifikat differenti proprju għax jista' jgħaqqadha ma' dik ta' Ġesù, li kif nafu, rebaħ fuq kull tbatija u saħansitra fuq il-mewt.

Dr Daniella Zerafa

Il-Kappillan u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jirringrazzjaw lil kull min b'mod volontarju jagħti s-servizz u l-għajnuna tiegħu/tagħha matul is-sena kollha sabiex il-parroċċa tagħna tkompli miexja 'l quddiem minn kull aspett.

PISCOPO gardens

PISCOPO GARDENS Pet Shop

Flowers BY PISCOPO GARDENS

Your one-stop shop for plants, flowers, garden & pet essentials!

Plants for every space
Equipment for garden care
Beautiful fresh flowers daily
Pet food, treats, and essentials

+356 2158 3755

piscopogardens.com
flowers.piscopogardens.com

FIND US ON Wolt

JIMMY
GARAGE
127
TRIQ GLORMU CASSAR
MOSTA
MOB
7721 1413
7921 1413
AUTO MECHANIC
AIR CONDITIONING
REPAIRS DIAGNOSTIC
TESTING

CAFE
SUIGA
EST.
1963
BAR

Tal-Ġenwin, issib għażla kbira ta' prodotti għall-konvenjenza tiegħek.
Party Items
TAL-GENWIN
Mob: 7942 7143
Pizza
Pizza Cheese in crust
Pies
Tarts
Apple Pie
Ravjul
Tortellini

Calum's Auto Repair Services
9966 2667
www.cars-malta.com

Ftuħ tat-VIII Ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk ta' Assisi

Ittra tal-Qdusija Tiegħu Ljun XIV lill-Ministri Ġenerali tal-Konferenza tal-Familja Franġiskana fl-okkażjoni tal-ftuħ tat-VIII Ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk ta' Assisi nhar is-Sibt 10 ta' Jannar 2026

Lill-Ministri Ġenerali
tal-Konferenza tal-Familja Franġiskana

"Oħtna l-mewt", esklama San Franġisk fit-3 ta' Ottubru 1226 fil-Porzjunkola, huwa u sejjer jiltaqa' magħha bħala bniedem sa fl-aħħar fis-sliem. Għaddew tmien sekli mill-mewt tal-Fqajjar ta' Assisi li kiteb b'karattri inċiżivi l-kelma tas-salvazzjoni ta' Kristu fil-qlub tal-bnedmin ta' żmienu.

Aħna u nfakkru r-rikorrenza sinifikattiva tat-VIII Ċentinarju mit-Transtu tiegħu, nixtieq ningħaqad spiritwalment mal-Familja Franġiskana kollha u ma' dawk li se jieħdu sehem fil-manifestazzjonijiet kommemorattivi, waqt li nawgura li l-messaġġ ta' paċi jista' jsib eku profond fil-Knisja u s-soċjetà tal-lum.

Fil-bidu tal-ħajja evanġelika tiegħu, hu kien sema' sejħa: "Il-Mulej nebbaħni nagħti din it-tislima: 'Il-Mulej jagħtik is-sliem'".[1] B'dawn il-kelmiet essenzjali, huwa jgħaddi lill-Aħwa tiegħu u lil kull min jemmen l-istagħġib interjuri li l-Vanġelu kien poġġa fil-ħajja tiegħu: il-paċi hija l-ogħla ġid ta' Alla, don li jinżel mill-Għoli. X'illużjoni tkun jekk naħsbu li nistgħu nibnuha bil-qawwa umana waħidha! U madankollu hija don attiv, li għandna nilqgħuh u ngħixuh ta' kuljum.[2]

---

[1] Testment 23.

[2] Ara Papa Ljun XIV, *Diskors lill-Korp Diplomatiku*, 16 ta' Mejju 2025.

Din hi l-istess tislima li nhar l-Għid filgħaxija Kristu Rxoxt ta liddixxipli tiegħu, imbeżżgħin u magħluqin fiċ-Ċenaklu: "Il-paċi magħkom".[3] Mhix xi formula ta' kortesija, imma t-tħabbira żgura tar-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt. L-istess bħal leħen l-anġli fil-lejl tal-Milied – "Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet u sliem fl-art lill-bnedmin li huwa jħobb"[4] – hekk il-paċi li l-Missier Serafiku jħabbar hi dik li dwiet minn Kristu nnifsu massema u l-art.

F'dan iż-żmien tagħna, immarkat minn tant gwerer li jidhru bla tmiem, minn firdiet ġewwiena u soċjali li joħolqu suspetti u biża', huwa jkompli jitkellem. Mhux biex joffri soluzzjonijiet tekniċi, imma biex il-ħajja tiegħu turina l-għajn awtentika tal-paċi.

Il-viżjoni Franġiskana tal-paċi ma tillimitax ruħha għar-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, imma tħaddan il-ħolqien kollu. Franġisku, li lix-xemx isejħilha "oħti" u lill-qamar "ħija", li jagħraf f'kull ħlejqa mera tal-ġmiel divin, ifakkarna li l-paċi għandha titwessa' għall-familja kollha tal-Ħolqien. Din l-intuwizzjoni tidwi b'urġenza partikulari fi żmienna, meta d-dar komuni hi mhedda u qed tokrob taħt l-isfruttament. Il-paċi ma' Alla, il-paċi bejn il-bnedmin u mal-Ħolqien huma dimensjonijiet inseparabbli ta' sejħa waħda għar-rikonċiljazzjoni universali.

Għeżież ħuti, jalla l-eżempju u l-wirt spiritwali ta' dan il-Qaddis, qawwi fil-fidi, sħiħ fit-tama u mħeġġeġ fl-imħabba ħabrieka lejn il-proxxmu, iqanqlu f'kulħadd l-importanza li nafdaw fil-Mulej, li ngħixu ħajja fidila lejn il-Vanġelu, li naċċettaw u ndawlu bil-fidi u bit-talb kull ċirkustanza u azzjoni tal-ħajja.

F'din is-Sena ta' grazzja, nixtieq ngħaddilkom talba biex San Franġisk ta' Assisi jissokta jsawwab fina lkoll l-hena perfett u l-fehma waħda:

San Franġisk, ħuna, int li tmien mitt sena ilu
mort tiltaqa' ma' oħtna l-mewt bħala bniedem fis-sliem,
idħol għalina quddiem il-Mulej.
Int fil-Kurċifiss ta' San Damjan għaraft il-paċi vera,
għallimna nfittxu fih l-għajn ta' kull rikonċiljazzjoni
li ġġarraf kull ħajt.
Int li, mingħajr armi, qsamt il-fruntieri tal-gwerra
u tan-nuqqas ta' ftehim,

[3] Ġw 20:19.
[4] Lq 2:14.

agħtina l-kuraġġ li nibnu pontijiet
hemm fejn id-dinja toħloq konfini.
F'dan iż-żmien mifni minn kunflitti u firdiet,
idħol għalina biex insiru bennejja tal-paċi:
xhieda bla armi u li nxejnu l-armi,
ħa nġibu s-sliem li jiġi minn Kristu.
Ammen.

B'dawn is-sentimenti, nesprimi xewqat ħerqana ta' ġid speċjalment għalikom kollha li ssegwu l-kariżma tal-Fqajjar ta' Assisi u għal dawk li se jfakkru b'diversi modi t-tifkira tad-*dies natalis* tiegħu, waqt li minn qalbi nibgħat kif mixtieq il-Barka Appostolika tiegħi.

Mill-Vatikan, 7 ta' Jannar 2026
Ljun PP. XIV

Miġjuba mit-Taljan għall-Malti
minn Francesco Pio Attard

MICALLEF FIBREGLASS WORKS
7, Sundown Yard, Triq Il-Burmarrad, Naxxar, NXR 6345
MANUFACTURERS OF
FREE STANDING & IN-GROUND SWIMMING POOLS, PONDS, PLANTERS & TANKS ANY SIZE
SPECIALIZING IN CUSTOM MADE WORKS
Steve Micallef ✉ info@micalleffibreglassworks.com
Tel: 21 570 332 | Mob: 9982 8697

Green Skip Services Ltd

Find us on Facebook

Malta`s LEADER in Waste Management Since 1992
IPPC AUTHORISED FACILITY 0001/12/A

WASTE COLLECTION SEVICES

Using 6 – 16 yd skips, open or closed and also custom built for specific wastes. Compactor skips are also available for sites generating high volumes of waste.

CLINICAL AND PHARMACEUTICAL WASTE

Collection and management of clinical wastes in specialised containers e.g. using sharps bins, yellow bags etc. and with all relative tracking documentation.

Transport and export of all pharmaceutical wastes including cytotoxic.

WASTE WEEE

This includes provision of containment, necessary documentation, transport by ADR trained drivers, dismantling, storage pending export and export for treatment.

Certification of treated material.

HAZARDOUS WASTE COLLECTION

This service includes analysis, transport notification and documentation, including local permits from ERA, storage, proper handling, packaging, and export of all types of hazardous wastes.

PRODUCTS BINS,FURNITURE...

We offer great variety of products such as Bins for indoor and outdoor use, outdoor Furniture, Traffic products, Healthcare waste products and much MORE...

DESTRUCTION SERVICES

Destruction of confidential material, sub standard or expired and/or defective products and materials, done by high volume shredding, or press crushing.

Certificates of destruction issued.

Web : www.greenskipgroup.com Address : Ta' l-Imriekeb, Ramla Road, Maghtab, Malta Tel : +356 21422009/10/17

Piscopo's
CASH & CARBY

Easy, Fresh, Affordable

OPENING HOURS

Monday to Saturday
8am to 7pm

Sunday and Public holidays
8am to 12.30pm

Triq l-Erba Mwiezeb, St Paul's Bay
cashandcarry@piscopo.com.mt
21570375

Il-Knisja ta' San Mikiel

Fis-Salini, limiti ta' Burmarrad, hemm knisja żgħira u antika ħafna fl-inħawi tal-Imdawra. Din hija ddedikata lill-Arkanġlu San Mikiel u ħadd ma jaf eżatt meta nbniet. Nafu żgur li hija antika ħafna għax issemmiet f'diversi rapporti ta' Viżti Pastorali antiki.

Il-knisja

Ħadd ma jaf eżatt meta nbniet l-ewwel darba din il-knisja: li hu żgur hu li hija antika ħafna. Intant l-aktar referenzi antiki fuq din il-knisja jwassluna sal-aħħar snin tas-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax. Imbagħad fir-rapport tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Cagliares tal-1618, din il-knisja kienet ġiet ipprofanata. Dan ukoll jurina li kienet diġà teżisti minn snin qabel. Wara l-bini tal-knisja parrokkjali li hemm preżenti, din il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid, ftit wara li tlestiet il-knisja l-kbira.

Fil-fatt nafu li l-knisja l-ġdida nbniet mill-ġbir tan-nies Naxxarin fl-1652 ħdejn fdalijiet ta' tempju neolitiku magħruf bħala Tal-Qadi. Daħlu għal dan ix-xogħol żewġ persuni, Joes Paulus Schembri u Antonius Sammut. Kienu dawn il-fundaturi ta' din il-knisja u huma wkoll ħadu ħsiebha bħala prokuraturi sa snin wara li nbniet mill-ġdid. Il-mara ta' Antonius Sammut, Hieronima, kienet waqqfet fundazzjoni biex issir iċ-ċelebrazzjoni tal-festa bil-kant tal-vespri u quddiesa kantata u tliet quddisiet oħra fl-istess ġurnata. Fl-istess ġurnata tal-festa kellha ssir priedka wkoll. Kull nhar ta' Sibt kien jinxtegħel il-lampier. Dan kollu kien obbligu perpetwu u jidher f'kuntratt magħmul għand in-nutar Matteo Cauchi tal-15 ta' April 1659.

Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-knisja

Minn madwar in-nofs tas-seklu tmintax nistgħu nsegwu dak kollu li għaddiet minnu din il-knisja billi fil-parroċċa nsibu l-kotba tal-kontijiet tagħha. Għal żmien twil kien prokuratur tal-knisja Dun Franġisk Mifsud,

u dan ħadem għal din il-knisja mill-1740 sal-1763. Meta huwa spiċċa kien ħalla dejn ta' 22 skud, tari u 10 grani. Iżda dawn għamlet tajjeb għalihom oħtu Teresa, armla tal-mejjet Tumas Agius. Hija ħallsithom lura tliet snin wara, fl-1766.

Il-knisja kellha dħul regolari minn interessi fuq kapital misluf. Petruzzo Bartolo kien iħallas 9 tari u 12-il gran fuq self ta' 10 skudi. Dan skont l-atti tan-nutar Giuseppe Gatt tal-25 ta' Diċembru 1706. Lucrezia Micallef kellha mislufa 9 skudi. Giuseppe Gatt kellu 10 skudi bis-sitt tari fis-sena. Paolo Sammut u martu Giovanella kellhom 17-il skud b'interessi ta' skud u 12-il gran fis-sena. Carolo Bezzina u martu Anna kellhom self ta' 12-il skud b'interessi ta' 9 tari fis-sena. Dan skont kuntratt li sar għand in-nutar Darmanin, fit-23 ta' Marzu 1763. Dħul ieħor regolari kienet il-ġabra fil-jum tal-festa li kienet ta' bejn 4 u 6 tari. Din kienet l-unika ġabra li kienet issir.

Ma nistgħux ngħidu li kienet waħda mill-kappelli, biex ngħidu hekk sinjuri, iżda ma kinitx nieqsa lanqas. Meta f'din l-istess sena, fl-1763, l-Isqof Bartolomeo Rull kien ħareġ digriet biex il-prokuraturi kollha tal-kappelli filjali jagħtu sehemhom biex jinxtraw paramenti ġodda għall-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar, il-prokuratur tal-knisja kien ħareġ is-somma ta' 40 skud li għaddiha lil Veneranda Lampada. Aktar qabel, fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Cannaves fl-1716 hemm miktub li fil-knisja kien hemm madwar 20 kwadru tal-pittura barra

dak tat-titular. Iżda l-unika oġġett li għad fadal fiha llum hu artal tal-injam iddekorat b'erba' anġli li jdawru l-post fejn darba kien hemm it-titular. It-titular, li juri lil San Mikiel Arkanġlu bix-xabla misluta mill-għelt lest biex jeqred ix-xitan miżmum taħt siequ x-xellugija llum jinsab miżmum fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad għal raġuni ta' sigurtà. Dan l-aħħar saret kopja tat-titular u tpoġġiet fil-knisja.

Ma' din il-knisja hemm marbuta leġġenda li kienu jgħidu n-nanniet tagħna li kienu semgħuha mingħand xi bdiewa li kellhom ir-raba f'dawk l-akkwati. Din il-leġġenda hija konnessa mal-bini ta' din il-knisja.

Il-leġġenda

Bosta snin qabel ma ġew il-Kavallieri f'Malta, fir-raħal tan-Naxxar kien joqgħod Lhudi li kien jismu Ġakobb. Dan kellu tifla ta' tmintax-il sena jisimha Rebekka. Ommha kienet mietet meta welditha u għalhekk kienet trabbiet mal-ħamest itfal subien ta' Kieli u Vitor, li kienu ġirien ta' Ġakobb. Kieli, li kien suldat fid-Dejma, kellu xi raba' fis-Salina ħdejn ir-raba' li kellu Ġakobb, li kien ukoll bidwi.

Kieli ma tantx kien għadu jaħdem ir-raba' tas-Salina minħabba l-biża' mill-furbani li mhux l-ewwel darba li kienu jinżlu għall-għarrieda u jaħtfu xi bdiewa u jagħmlu ħerba mill-għelieqi ta' dawk l-inħawi. Dan Kieli kemm-il darba wissa lil Ġakobb sabiex joqgħod attent u ma joqgħodx fl-għalqa fit-tard.

Viċin ir-raba' ta' Ġakobb fi trejqa kien hemm niċċa ddedikata lil San Mikiel. Kieli kien devot ħafna tiegħu u meta kien jinzerta lil Ġakobb sejjer għas-Salina, kien jagħtih tazza żejt sabiex jixgħelielu quddiem ix-xbieha ta' San Mikiel. Żmien qabel ma bdew jinżlu ta' spiss il-furbani, din in-niċċa kienet devota ħafna mal-bdiewa tal-lokal. Iżda issa kienet żdingata għax ma tantx kont għadek tara bdiewa f'dawk l-inħawi. Il-ħaxix kien kważi għattiha għal kollox.

Għalkemm Ġakobb ma kienx Nisrani, mhux l-ewwel darba li meta kien ikun għaddej minn quddiem in-niċċa kien jieqaf jixgħel it-tazza żejt meta kienet tintefa bir-riħ, u jaqta' l-ħaxix li kien ikun għatta n-niċċa. Wara kien jieqaf u jagħti ħarsa lejn l-istatwa għax kien jemmen li kien l-Arkanġlu tal-Mulej li wara kollox kien jissemma fit-tradizzjoni Lhudija.

Darba fost l-oħrajn wara li kien għadu kif xegħel iż-żejt u kien wieqaf quddiem ix-xbieha tal-Arkanġlu sema' leħen li qallu: "Ġakobb, għad inpattilek ta' dak li qed tagħmel!" Il-Lhudi nħasad għal dak il-kliem u dar

biex jara min kien qed ikellmu, iżda ma ra lil ħadd. Għalhekk telaq lejn ir-raba' mifxul u mħawwad.

Għaddew bosta xhur, u jum fost l-oħrajn waqt li kien aljenat jaħdem fil-għalqa, qabżu fuqu ċorma furbani li wara li rabtulu jdejh, kaxkruh lejn il-bajja tas-Salina fejn kellhom ix-xambekk jistennihom. Xeħtuh wara blata kbira sakemm tiġi d-dgħajsa sabiex tieħu lilu u lil xi bdiewa oħra li messithom l-istess xorti għal fuq ix-xambekk.

Sa dak il-ħin l-imsejken Ġakobb beda jġib quddiem għajnejh lil bintu Rebekka, kemm kienet se tbati waħidha, iżda beda jikkonsla meta ftakar f'Vitor u Kieli li kienu jħobbuha daqs uliedhom. Ftakar ukoll f'dak l-Arkanġlu tan-niċċa u fil-leħen li kien sema'. Lanqas laħaq għaddielu dak il-ħsieb kollu li ma semax tfaqqiegħ ta' ġewnaħ u tvenvin qawwi ġej għan-naħa ta' fejn kienu qegħdin. F'daqqa waħda niżel quddiemu kavallier sabiħ bix-xabla f'idu u par ġwienaħ daqshiex, b'għajnejh bħal żewġ xrariet nar.

F'daqqa xejjer ix-xabla u qata' l-ktajjen li bihom kienu marbuta Ġakobb u sħabu, u dar fuq il-furbani li tant kienu mwerwra għal dik id-dehra, li fil-pront qabżu l-baħar u bdew jaqdfu għal fejn kien ix-xambekk. Iżda l-Arkanġlu tar għal fuq ix-xambekk u kif wasal fuqu, xejjer ix-xabla u qata' l-ħbula tal-qlugħ prinċipali, li waqa' għal fuq il-gverta u ma setax jiċċaqlaq minn fejn kien sorġut.

Hawn Ġakobb ħalef li jsir Nisrani u jibni knisja f'ġieħ l-Arkanġlu San Mikiel. Sa dak il-ħin laħqu ġew tad-dejma li taw taptipa lill-furbani li spiċċaw maqbudin mis-suldati Maltin. Wara din il-ġrajja Ġakobb tassew sar Nisrani u ħa l-isem ta' Mikiel. Hu biegħ xi raba' li kellu f'post ieħor u bil-flus li daħħal bena knisja u ddedikaha lil San Mikiel minflok in-niċċa li kien hemm fis-Salina.

Il-knisja minn barra

Minn barra din il-knisja għandha faċċata sempliċi. Il-bieb hu ta' stil rinaxximentali b'żewġ pilastri ta' stil Toskan fil-ġenb u entablatura u gwarnić fuqhom. Eżatt fuq il-bieb hemm niċċa vojta li xi darba setgħet kien fiha xi statwa. Aktar 'il fuq hemm tieqa tonda u kampnar b'qanpiena żgħira. Fuq il-ħitan tal-ġenb hemm erba' mwieżeb biex minnhom jinżel l-ilma tax-xita minn fuq il-bejt mingħajr ma' jċarċar mal-ħajt. Il-knisja għandha zuntier ċkejken quddiem il-bieb prinċipali u peress li tinsab f'diżlivell, għandha tmien tarġiet biex tasal għal-livell taz-zuntier biex tidħol fiha.

Devozzjoni

Din il-knisja minn dejjem kienet tgawdi devozzjoni kbira mill-bdiewa li kienu jaħdmu r-raba' f'dawk l-akkwati. Insibu li ħafna minn dawn il-bdiewa kienu jmorru ta' spiss jitolbu lill-Arkanġlu San Mikiel biex jaqlagħlhom xi grazzji f'din il-knisja.

Skont ir-*Ragguaglio* jew lista tal-kappelli li saret fl-1661 magħmula mill-kappillan tan-Naxxar ta' dak iż-żmien, dawk li kienu mfittxija mill-ġustizzja qatt ma daħlu jistkennu f'din il-knisja għaliex kienet knisja devotissima sa mill-bidu nett.

Wara li twaqqfet il-parroċċa ta' Burmarrad, din il-knisja, kif ukoll dik tal-Lunzjata tas-Salina, bdew jagħmlu parti minn din il-parroċċa.

Għeluq

F'dawn l-aħħar ħamsin sena, din il-knisja waqgħet daqxejn fl-abbandun, iżda dan l-aħħar reġgħet infetħet mill-ġdid u ġiet irrestawrata. L-ispejjeż li kienu jammontaw għas-somma ta' madwar ħamsa u erbgħin elf ewro daħlet għalihom ditta privata lokali.

Għalkemm il-knisja ġiet irrestawrata sew minn barra u ġewwa, sfortunatament minn ġewwa tinsab imneżża u vojta. Knisja bħal din jixirqilha xi dilettant li jarmaha u jżejjinha biex ikunu jistgħu jibdew isiru xi attivitajiet fiha.

Dan l-artiklu ntuża bil-permess mis-sit www.kappellimaltin.com u mill-awtur is-Sur Paul Catania.

Ritratt mill-Passat

L-abbatini tal-parroċċa fil-jiem tal-festa fis-snin tmenin mal-kappillan ta' dak iż-żmien P. Ġorġ Zammit OFM Conv.

Mill-Album tal-Parroċċa 2025-2026

Corpus Christi

Festa ta' Sant'Antnin

Ħruġ tal-istatwa min-niċċa

Tridu tal-Festa minn P. Paul Galea OFM.

Traslazzjoni Solenni

Paniġierku tal-Festa minn P. Michael Camilleri O.P.

Għasar Solenni

Purċissjoni bil-vara titulari

Festa ta' San Frangisk

Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni

Il-Milied

Żjara tar-Relikwa ta' San Frangisk

Festa ta' San Pawl

Jum id-Duluri

Ħadd il-Palm

L-Għid il-Kbir

Programm tal-
Festa Titulari

Ħruġ min-niċċa
Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2026

7.00pm Quddiesa mmexxija mill-W.R.P. Paul Darmanin OFM Conv., Vigarju Provinċjali, li fiha jieħdu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa. Fi tmiem il-quddiesa tinħareġ il-vara tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija min-niċċa u jitkanta l-Innu.

L-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2026
Tridu

6.30pm Rużarju u Kurunella.

7.00pm Quddiesa mmexxija minn Dun Sinclair Bugeja.
L-abbatini jġeddu l-impenn tagħhom. Fi tmiem il-quddiesa titkanta l-Antifona u ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2026

6.30pm Rużarju u Kurunella.

7.00pm Quddiesa mmexxija minn Dun Sinclair Bugeja. Jieħdu sehem il-morda u l-anzjani tal-parroċċa u jkun amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

7.45pm Nofs siegħa Adorazzjoni Ewkaristika.

Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2026

6.30pm Rużarju u Kurunella.

7.00pm Quddiesa mmexxija minn Dun Sinclair Bugeja. Jieħdu sehem il-familji u l-koppji b'mod speċjali dawk li qed jiċċelebraw xi anniversarju partikulari ta' żwieġ u dawk li qed iħejju għaż-żwieġ.

Is-Sibt 27 ta' Ġunju 2026

Lejlet il-Festa

6.00pm Traslazzjoni Solenni mill-Kunvent tal-Patrijiet immexxija mill-Kappillan P. Christian Anthony Borg OFM Conv.

6.30pm L-Ewwel Għasar Solenni.

7.00pm Quddiesa kantata.

Il-Ħadd 28 ta' Ġunju 2026

Jum il-Festa

5.30am Rużarju.

6.00am Quddiesa letta.

9.30am Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.

10.00am Quddiesa solenni kkonċelebrata mmexxija minn P. Allister Aquilina Viċi-Kappillan, fl-għaxar anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali. Jinseġ il-paniġierku Dun Gordon Refalo.

6.00pm Quddiesa kantata mmexxija minn P. Ivan Scicluna O. Carm.

7.00pm Għasar Solenni bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, Kummissjoni Festa, membri tal-għaqdiet, reffiegħa u fratelli.

7.30pm Ħruġ tal-purċissjoni bil-vara titulari tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Il-Purċissjoni tgħaddi minn Triq Burmarrad *(waqt it-talba tar-rużarju u daqq ta' innijiet marjani mill-banda)*, Triq San Pawl Milqi, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Triq il-Magħsar u Triq Burmarrad. Fuq iz-zuntier tingħad il-Kurunella u jitkanta l-Innu Popolari.

10.15pm Mad-dħul tal-vara fil-knisja titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

Il-Ħadd 5 ta' Lulju 2026

Quddiesa ta' Ringrazzjament

6.30pm Rużarju u Kurunella.

7.00pm Quddiesa ta' ringrazzjament u dħul tal-vara fin-niċċa.

Programm tal-
Festa Esterna

Is-Sibt, 20 ta' Ġunju

8.30pm Festa Familja fuq iz-zuntier organizzata mill-Kummissjoni Festa Burmarrad b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar b'ikel bnin għal kulħadd. Ikollna fostna lil-Lapes u Nadine.

Il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju

8.30pm Marċ mill-Banda Imperial tal-Mellieħa li jibda minn Triq il-Wardija u jkompli fi Triq Burmarrad sa fuq iz-zuntier. Fil-kantuniera ma' Triq San Pawl Milqi jissieħbu t-tfal li jerfgħu u jakkumpanjaw statwa żgħira tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Ikollna spettaklu ta' karti mal-wasla tal-istatwa fuq iz-zuntier.

Is-Sibt, 27 ta' Ġunju

5.45pm Parata mill-iScouts tal-Qawra li tgħaddi minn Misraħ Burmarrad, Triq Burmarrad, Triq il-Magħsar, Triq P. Wistin Magro, Triq San Pawl Milqi u Triq Burmarrad sal-kunvent. Minn hemm takkumpanja lill-purċissjoni tat-traslazzjoni sal-knisja.

8.30pm Marċ mill-Banda San Lawrenz tal-Birgu li jibda minn Triq id-Dwieli u jkompli fi Triq l-Insolja, Triq Manwel Bonnici, Triq San Pawl Milqi u Triq Burmarrad sa quddiem il-knisja.

10.30pm Programm Mużikali fuq iz-zuntier mill-istess banda.

11.30pm Logħob tan-nar tal-art fil-pjazza ta' quddiem il-knisja maħdum mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina tan-Naxxar.

Il-Ħadd, 28 ta' Ġunju

7.00pm Marċ mill-Banda Filarmonika La Vittoria tal-Mellieħa li jibda minn Triq Sardin u jkompli sa quddiem il-knisja fejn jilqa' l-ħruġ tal-vara u jakkumpanja l-purċissjoni li tgħaddi minn Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Triq il-Magħsar u Triq Burmarrad sal-knisja.

9.15pm Ħruq ta' nar tal-ajru maħdum mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina tan-Naxxar.

10.15pm Ħruq ta' kaxxa mill-pjazza u dħul tal-vara fil-knisja.

Simon & Edward & Daniel
Funeral Services

99449578 - 79030197 - 99854432

F'ismek raħal jagħmel festa

Burmarrad raħal mill-isbaħ
F'dawn il-jiem qed jagħmel festa
Preparat b'ħeġġa mill-aqwa
Fil-ħin kollox qed jitlesta.

Titular b'titlu mill-isbaħ
Jirrifletti l-kobor tiegħek
Tressaqna fil-viċin tiegħek
Sabiex fil-ġenna niġu miegħek.

Ġejt magħżula sabiex tnissel
Lill-iben t'Alla l-Feddej
Rabbejtu mal-kbir Ġużeppi
Raġel umli u qaddej.

Verġni mbierka omm il-popli
Tad-dinja fl-erbat irjieħ
Kemm tajt sabar u mħabba
Salvazzjoni tal-erwieħ.

Id-dawl ta' ħarstek jiddi fuqna
Int reġina tal-ħolqien
Kull fejn tħares issib lilek
Int meqjuma kullimkien.

Kull min lejk resaq bit-tama
Fil-mument ikrah ta' dlam
Qala' l-grazzja biex lejn daru
Huwa lura mar ferħan.

Kemm int kbira o Marija
Bil-grazzji tiegħek timla' l-qlub
Kollok safa bħal tal-ġilju
Int imnissla mingħajr dnub.

F'raħal ċkejken fil-kampanja
F'ismek tempju ġie msawwar
Ġejt imsejħa sabiex tħares
U bil-ferħ il-qlub int tfawwar.

Wisq int kbira Ommna Marija
L-isbaħ warda int tal-ġnien
Ħadd m'hu bħalek int unika
Reġina vera tal-ħolqien.

F'dan iż-żmien ikrah ta' gwerer
Nebbaħ bil-paċi lill-kbarat
Sabiex dawn jaħdmu għall-paċi
Jieqfu jagħmlu tant ħsarat.

B'sens ta' qima u gratitudni
F'dan il-jum sabiħ tal-festa
Komunità sħiħa miġbura
Bil-ħerqa tilqgħek din lesta.

Oħroġ bierek it-toroq tagħna
F'ħin sabiħ ta' filgħaxija
Patruna ta' dan ir-raħal
Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Mario Fenech
Tas-Sliema



PROFESSIONAL
GUIDANCE
through difficult times

John Bray
FUNERAL SERVICES

Traditional Funeral Services

Burial & Cremation Services

Pre-Need Funeral Planning

24 hour Emergency Support

Fair and Transparent Pricing

9949 3479 | 7949 3479

www.funeralpartners.mt

MOVED TO
WILEĠ STREET, QAWRA

GATES &
GARAGE DOORS
DEA
Specialists in Garage Doors, Gates & Automation
› INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
› ROLLER SHUTTER DOORS › RESIDENTIAL & INDUSTRIAL,
SLIDING & WING GATES IN VARIOUS DESIGNS AND FINISHES
› REMOTE CONTROL AUTOMATION AVAILABLE
21419275 99498269 patrick.pds@gmail.com
Midland Micro Enterprise Park, Block D, Plots 10 & 11, Triq Buzmarrad, L/O Naxxar, NXR 6345 - Malta
find us on facebook.

GODWIN'S
Commercial Vehicles
Rental & Leasing

Transtu tal-Patrijarka Missierna San Franġisk

Din is-sena l-Franġiskani qed jiċċelebraw it-800 sena minn meta San Franġisk ħalla din id-dinja. Fl-Ordni Franġiskan kollu hemm tradizzjoni li kull sena fit-3 ta' Ottubru filgħaxija, il-komunitajiet Franġiskani jiltaqgħu fil-knejjes u fil-kappelel tal-kunventi tagħhom biex ifakkru l-mewt ta' Missierhom San Franġisk jew kif inhu aktar magħruf it-Transtu – il-passaġġ – tiegħu minn din id-dinja għal għand il-Missier. Meta dan it-Transtu jsir f'xi Parroċċa jew Knisja Franġiskana għall-funzjoni jkunu mistiedna wkoll in-nies u d-devoti tal-qaddis.

San Franġisk iltaqa' ma' oħtna l-mewt fuq il-qiegħa tal-art fil-knisja tal-Porzjunkola, barra l-belt ta' Assisi. Kien fil-ħin tal-għasar nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru 1226. L-għada l-Ħadd sar il-funeral u l-ġisem ta' Franġisku ttieħed bil-purċissjoni l-ewwel lejn il-Knisja ta' San Damjan biex Klara u s-sorijiet tagħha jsellmu għall-aħħar darba lil Franġisku u mbagħad lejn il-Knisja ta' San Ġorġ, fejn dam midfun għal kważi erba' snin sakemm tlestiet il-Bażilka biex tilqa' l-fdalijiet tiegħu.

Transtu ta' San Franġisk nhar it-3 ta' Ottubru

Waqt il-purċissjoni tad-daħla jitkanta dan l-innu:

Ta' Missierna l-mewt bil-qima nfakkru
u twelidu għal ħajja bla mwiet
qrib Assisi li ratu jitwieled,
meta x-xemx kienet nienet u ntfiet.

Lil uliedu mbikkija farraġhom
u seddaqhom bil-ogħla barkiet;
talab maħfra lil ġismu għax ħaqru,
u żgurah minn ħlas kbir fis-smewwiet.

Hu li twieled fi stalla bħal Kristu,
bħalu ftaqar u ħabb iż-żebliħ.
Li jmut għeri minn ħwejġu, din xewqtu;
li għall-qiegħa tal-art fih jistrieħ.

U f'tgħanniqa mal-mewt li oħt sejjaħ,
ruħu ttajret għal ħdan il-Ħallieq,
ġismu msallab iddawwal bid-dija,
għelm ir-rebħa ta' ħajtu fit-triq.

Lilek, Alla Missier, sebħ u qima,
u lill-Iben, Feddej tal-bnedmin,
mal-Ispirtu li jnebbaħ u jqaddes
lil Franġisku f'għemilu kull ħin. Ammen.

Meta kulħadd jasal fuq l-altar u jieħu postu, min ikun qed imexxi jgħid:

Inġbarna flimkien, kważi fl-istess ħin li fih ġrat il-mewt tal-Patrijarka Missierna San Franġisk, biex infakkru kif dan il-Missier qaddis, wara li għadda ħajja ta' ċaħda u tgħakkis, f'tgħanniqa ma' oħtu l-mewt, għadda minn din il-ħajja għal għand Alla li hu ħabb bla qjies u li hu xtaq li jkun maħbub u mfaħħar mill-ħlejjaq kollha. Insellmulu u nitolbuh il-barka tiegħu.

Antifona 1:

O Patrijarka tal-fqar,
kattar b'talbek, fl-imħabba ta' Kristu,
l-għadd ta' wliedek, li int bħal Ġakobb agħma,
b'idejk imsallbin, berikt qabel mewtek.

Ċelebrant: Iberikna Alla, Alla tagħna.

Kulħadd: U tibża' minnu l-art kollha minn tarf għall-ieħor.

Ċelebrant: O Alla l-aktar ħanin,
int ridt li l-qaddej tiegħek

ibierek il-poplu tiegħek
billi jsejjaħ fuqu l-isem qaddis tiegħek,
u nebbaħt lil Missierna San Franġisk
li jbierek hekk ukoll:
Ibierkek il-Mulej u jħarsek,
jixħet id-dija ta' wiċċu fuqek u jurik ħniena;
ħa tinżel il-barka tiegħek fil-milja tagħha fuqna,
fuq kull min jgħammar f'artna
u fuq il-ġnus kollha
li lilhom ġie mħabbar l-isem tiegħu,
għat-talb tal-Imqaddsa Verġni Marija
Omm Alla, ta' San Franġisk Missierna
u tal-qaddisin kollha tiegħek.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

Kulħadd: Ammen.

Issa jista' jintefa' d-dawl żejjed u l-lettur jaqra din is-silta:

Qari mill-kitbiet ta' San Bonaventura.
(Legenda Maior XIV, 5)

Meta qorbot is-siegħa tal-mewt tiegħu, talab li jissejħu madwaru l-patrijiet kollha li kienu hemm, u filwaqt li tennielhom kliem ta' faraġ għall-mewt tiegħu li kienet waslet, b'għożża tassew ta' Missier ħeġġiġhom biex iħobbu 'l Alla; tkellem fit-tul fuq il-paċenzja, fuq il-faqar u fuq il-fedeltà li kellu jkollhom lejn il-Knisja Mqaddsa Rumana, b'għożża kbira lejn il-Vanġelu li għalih kien jiġi qabel kollox.

Imbagħad sallab u firex idejh fuq il-patrijiet miġburin madwaru u bis-setgħa u fl-Isem tal-Imsallab berikhom ilkoll, dawk li kienu hemm u dawk tal-bogħod. U ssokta jgħidilhom: "Uliedi, żommu sħiħ fil-biża' tal-Mulej u ibqgħu fih dejjem. U billi t-tentazzjoni ma ddumx ma ġġarrabkom, henjin intom jekk tissuktaw f'dak li bdejtu. Jien stess sejjer għand Alla u lilkom ilkoll nerħikom fil-grazzja tiegħu."

Hekk kif temm din it-twissija ħelwa, il-bniedem bil-bosta għażiż għal Alla, ried li jinġieb il-Ktieb tal-Vanġelu u talab li tinqralu dik is-silta ta' San Ġwann li tibda: "Qabel il-festa tal-Għid…" Imbagħad hu, mill-aħjar li seta', infexx b'leħen għoli fi kliem is-Salm: "B'leħen qawwi lill-Mulej

insejjaħ…” u ssokta jgħidu sal-aħħar kliem “Madwari jduru l-ġusti, għax int timxi tajjeb miegħi”.

Hekk mitmumin fiha l-misteri kollha, dik ir-ruħ il-qaddisa bil-bosta, maħlula mill-ġisem, ġiet milqugħa fid-dija tas-sebħ ta’ Alla, u dan ir-raġel qaddis raqad fil-Mulej.

Wara l-qari jitkanta s-Salm Responsorjali 141:

R/. O ruħ għażiża, sieħba tal-Qaddisin,
it-Trinità Mqaddsa tistiednek:
ibqa’ magħna għal dejjem.

B’leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ,
B’leħen qawwi lill-Mulej nitlob.
Inressaq quddiemu t-tnehid tiegħi,
id-dwejjaq tiegħi quddiemu nqiegħed. R/.

Xħin ruħi ġo fija tinfena,
int tkun taf minn xiex għaddej.
Fit-triq li fiha nimxi,
huma ħbew nassa għalija. R/.

Inħares fuq il-lemin,
u nara li ma hemm ħadd li jagħti kasi;
M'hemmx mnejn nista' naħrab,
M'hemm ħadd li jieħu ħsiebi. R/.

Lilek, Mulej, insejjaħ; ngħidlek:
"Int il-kenn tiegħi, int sehmi f'art il-ħajjin.
Agħti widen għall-għajta tiegħi,
għax ninsab mitluq għall-aħħar. R/.

Eħlisni minn dawk li daru għalija,
għax huma aqwa minni.
Mill-ħabs oħroġni
biex inrodd ħajr lil ismek. R/.

Madwari jduru l-ġusti,
għax int timxi tajjeb miegħi:"
Glorja lill-Missier …
Kif kien mill-bidu … R/.

Ċelebrant: Nitolbu.
Qaddis Serafiku, Missier tagħna Franġisku,
Li filgħaxija ta' jum is-Sibt,
ftit qabel it-tluq tiegħek minn din id-dinja,
f'isem Ġesù msallab u bil-qawwa tiegħu,
berikt 'l uliedek kollha tul iż-żminijiet,
arana madwarek, Missier il-fqar,
infakkru l-mewt tiegħek.
Aqlgħalna nitolbuk,
li mogħnija bil-barka tiegħek,
nissuktaw fiż-żmien tagħna l-missjoni tiegħek,
u nwasslu lill-bnedmin ħutna l-frott tal-fidwa
mwettqa minn Ġesù Sidna, li hu Alla,
u li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

Kulħadd: Ammen.

Tinqara l-Ittra ta' Fra Elija li tħabbar il-mewt ta' San Franġisk:

L-ittra ta' Fra Elija li tħabbar il-mewt ta' San Franġisk.

Lill-għażiż ħija fi Kristu, Girgor, Ministru tal-Patrijiet ta' Franza u lil ħutu u ħutna kollha: Fra Elija, midneb, sliem.

Qabel ma nibda nitkellem, nitniehed u nibki – għax dak li kien ibeżżagħni laqat lili u laqat lilkom ukoll – għax dak li kien ifarraġni, dak li kien bħal ħrief jerfagħna lkoll f'dirgħajh ħanina, ħalliena; telaq pellegrin f'oqsma mbiegħda; il-għażiż ta' Alla u tal-bnedmin intlaqa' fl-għarajjex ta' hemm fuq…

Il-preżenza ta' ħuna u missierna Franġisk kienet għalina dawl tassew; u mhux biss għalina li konna qrib tiegħu bil-ħajja u bil-fidi, imma wkoll għal dawk tal-bogħod; dawl imnissel mid-dawl tas-sewwa biex iħarrab id-dlamijiet u jmexxi 'l dawk li kienu jterrqu fid-dell tal-mewt lejn it-triq tal-paċi u tas-saħħa ta' dejjem. Bħal xemx tiddi fis-sema, hekk xegħlet qalbu u dawlet is-saltna ta' Alla; bin-nar ta' mħabbtu kienu jitħeġġu l-erwieħ, fi qlub il-missirijiet kienet titnissel mill-ġdid it-tjieba lejn l-ulied, u l-bnedmin bla għaqal kienu jerġgħu lura għad-dehen tal-ġusti u fid-dinja kollha ġie mħejji poplu ġdid lill-Mulej. Sal-ibgħad truf ismu huwa msebbaħ u l-għemejjel tiegħu tal-għaġeb huma mfaħħrin fid-dinja kollha.

Biegħdu minnkom, għalhekk, id-dieqa, ittamaw f'Missier l-iltiema, Alla li jsabbarna b'faraġ qaddis. U nitfarrġu, għax qabel ma tbiegħed minna, bħal Ġakobb ieħor, il-Missier qaddis bierek 'l uliedu kollha u ħafer lil kulħadd dnubietu.

Għożżu t-tifkira tal-Missier tagħna u ħuna Franġisku: ikun imfaħħar u mweġġaħ għax wera 'l Alla lill-bnedmin u għollieh quddiem l-anġli. Itolbu 'l Alla biex flimkien miegħu jkollna sehem mill-grazzja qaddisa tiegħu. Ammen.

Issa titkanta l-Antifona 2 li tista' tiġi ripetuta tliet darbiet, kull darba nofs ton aktar fil-għoli.

Antifona 2:

Sliem għalik, qaddis Missierna,
dawl ta' art twelidek,
mudell tal-patrijiet minuri,
mera ta' kull virtù, qjies tal-imġiba;
mexxina int mit-turufnament tal-ġisem
lejn artna, il-ġenna.

Kif jintemm il-kant, jinżamm waqt ta' skiet u jindaqqu ftit tokki bil-qanpiena tal-kampnar; imbagħad jinxtegħel id-dawl kollu tal-knisja u titkanta l-Antifona 3.

Antifona 3:

Kristu 'l-fqir u 'l-umli jsebbaħ
għani jdaħħlu fis-smewwiet,
fejn il-kant ferrieħ tal-anġli,
isellimlu u jagħtih ġieħ.

Ċelebrant: Itlob għalina, Qaddis Franġisk Missierna.

Kulħadd: Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

Ċelebrant: Nitolbu.
O Alla, int il-lum għanejt bil-ħlas
tal-ħajja ta' dejjem
lir-ruħ ta' Missierna San Franġisk;
agħtina nitolbuk: hekk kif bil-qima
qegħdin infakkru l-mogħdija tiegħu
minn din id-dinja għal għandek,
jistħoqqilna li bħalu u miegħu
niksbu l-istess ħlas fil-ħajja bla tmiem.
Bi Kristu Sidna.

Kulħadd: Ammen

Fl-aħħar iċ-ċelebrant ibierek lil kulħadd bir-relikwa tal-Qaddis filwaqt li jgħid:

Ċelebrant: Bl-interċessjoni
ta' Missierna San Franġisk,
iberikkom Alla li jista' kollox
li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

Kulħadd: Ammen.

Issa jitkanta l-innu "Ninsġu Safja" jew "Glorja Glorja".

Ir-relikwa tal-ġilda tal-kamoxxa

X'inhi Relikwa?

Il-Knisja, skont tradizzjoni antika, tqim il-fdalijiet tal-qaddisin li, f'din l-art għexu b'mod awtentiku bħala membri tal-ġisem mistiku ta' Ġesù u tempju tal-Ispirtu s-Santu. Id-drawwa li żżomm ir-relikwi tal-qaddisin, l-aktar tal-martri, taħt l-altari li fuqhom tiċċelebra l-Ewkaristija, turi kif l-għotja ta' ħajjithom hija marbuta intimament mas-Sagrifiċċju ta' Kristu, u għalhekk huma xhieda tal-għaqda tal-Knisja kollha mal-offerta ta' Ġesù fuq is-Salib.

Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jirrakkonta kif "Alla kien jagħmel mirakli mhux żgħar permezz ta' Pawlu, hekk li, meta kienu jieħdu mkatar jew fradal li jkunu messew miegħu u jqegħduhom fuq il-morda, dawn kienu jfiqu mill-mard tagħhom u l-ispirti ħżiena kienu joħorġu minnhom" *(Atti 19:11-12)*.

Matul is-sekli l-Insara ħassewhom imħarsa mill-ħniena ta' Alla permezz tal-interċessjoni tal-qaddisin li kellhom il-fdalijiet tagħhom fosthom. Dawn huma l-istess qaddisin li aħna nemmnu li diġà jgħixu fil-Mulej Ġesù li hu ħaj għall-eternità.

Minbarra l-fdalijiet tal-ġisem tal-qaddisin, bħall-għadam u xi organi oħra, huma wkoll meqjusa bħala relikwi oġġetti li kienu tal-qaddis jew li kienu f'kuntatt miegħu f'ħajtu jew wara mewtu.

Ir-Relikwa ta' San Franġisk li kienet meqjuma f'Malta bejn it-8 u t-18 ta' Frar

Minn Settembru tal-1224 sakemm miet f'Ottubru 1226 San Franġisk kien iġorr f'ġismu s-sinjali tal-passjoni ta' Ġesù bis-sinjali tal-imsiemer f'idejh u riġlejh u tal-kustat minfud f'sidru.

Din ir-relikwa hija tal-biċċa ġilda li kienet titqiegħed fuq il-ferita tal-kustat biex tixrob id-demm li tnixxi u biex tipproteġiha mill-ħruxija tal-materjal tas-suf tat-tonka li kien jilbes il-qaddis.

Hija magħrufa bħala r-relikwa tal-ġilda tal-kamoxxa. Il-kamoxxa hija speċi ta' mogħża tas-selvaġġ li tgħix qalb il-muntanji. Din il-ġilda hija magħrufa għal kemm hi ratba u għall-fatt li tassorbi ħafna.

Ir-Relikwarju

Ir-relikwarju tal-fidda li fih hija esposta din ir-relikwa għandu minqux fih l-isem tal-Kustodju tas-Sacro Convento, Fra Cornelius Rosa, li ġabar għalih u s-sena 1602. Din ir-relikwa, li jidher li ilha tinżamm fis-Sacro Convento f'Assisi sa mis-seklu ħmistax, illum tinżamm fil-Kappella ta' San Nikola fil-Bażilka t'isfel ta' San Franġisk f'Assisi flimkien ma' relikwi oħra ta' San Franġisk li huma esposti għall-qima tal-pellegrini.

24 Hr. Taxi & Mini Bus Service
Guided Tours and Car Hire

Ħġejjeġ Street, Bugibba - Malta
Tel: 21571700, 21574891
Mob: 99497170
Email: bbirdtaxis@yahoo.com

Good to Go

Café • Bar • Food • Pizza

Open 6.30am to 4pm
Midland Complex, Burmarrad

Porto Lounge, Cirkewwa

By the Sea - Worth the Drive

Fresh, Flavorful, Feast Worthy

(+356) 99767229 | +(356) 2289 5000 | info@portolounge.com.mt

Beatu Ġwanni Duns Scotus (1265-1308)

Festa ċċelebrata nhar it-8 ta' Novembru

Ġwanni twieled Duns fl-Iskozja fl-1265 u daħal fl-Ordni Franġiskan meta kien għadu żagħżugħ. Kien ordnat saċerdot fis-17 ta' Marzu 1291. Wara li kiseb il-gradi akkademiċi fl-Università ta' Sorbonne, f'Pariġi, laħaq professur fl-Universitajiet ta' Cambridge, Oxford, Pariġi u Kolonja. Tul il-karriera tiegħu stħarreġ bir-reqqa l-Kotba Mqaddsa u kiteb ħafna opri filosofiċi u teoloġiċi. Xandar bil-qawwa l-misteru tal-Verb magħmul bniedem u kien difensur tad-duttrina dwar it-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija u l-awtorità tal-Papa. Fit-23 ta' Ġunju 1303, wara li ċaħad li jiffirma l-libell ta' Filippu IV, Re ta' Franza, kontra l-Papa Bonifazju VIII, kien eżiljat minn Pariġi. Miet ħesrem f'Kolonja fit-8 ta' Novembru 1308. Il-fama ta' qdusija li kiseb dan it-teologu dehret fil-virtujiet Insara li hu għex f'ħajtu b'mod mill-aktar erojku. Huwa wieħed mill-akbar esponenti tal-Iskola Filosofika u Teoloġika Franġiskana. Bit-tagħlim tiegħu Skotu wassal lill-Knisja biex fl-1854 tagħraf u xxerred id-duttrina dwar l-Immakulata Kunċizzjoni bħala dogma tal-fidi. Fis-6 ta' Lulju 1991 il-Papa Ġann-Pawl II wettaq il-kult pubbliku li kien ilu jingħata lil Skotu għal sekli sħaħ fl-Ordni Franġiskan u fid-djoċesijiet ta' Kolonja fil-Ġermanja, u ta' Nola, fl-Italja ta' Isfel. Mill-kitbiet tal-beatu ttieħdet din is-silta li fiha jingħad li l-Immakulata hija l-isbaħ frott tal-fidwa.

Hemm xi qaddisin li qatt ma kienu għedewwa ta' Alla bid-dnub attwali, għad li kienu hekk bid-dnub oriġinali qabel tgħammdu. Hemm imbagħad ħafna qaddisin li kienu għal xi żmien għedewwa ta' Alla kemm bid-dnub attwali u kemm bid-dnub oriġinali. Iżda hemm ukoll il-Verġni mbierka, li qatt ma kienet għadu ta' Alla la bid-dnub attwali u lanqas bid-dnub oriġinali. Kienet tkun għadu ta' Alla kieku hu stess ma ħelishiex minn qabel. Nistgħu ngħidu li hi ma ttifsitx bid-dnub oriġinali bis-saħħa tal-eċċellenza ta' binha feddej, rikonċiljatur u medjatur.

L-aktar medjatur perfett jista' jagħmel l-aktar għemil perfett ta' medjazzjoni favur il-persuna li jidħol għaliha. Għalhekk Kristu jista' jimmedja bl-aqwa mod favur dik il-persuna li jidħol għaliha. Issa Kristu dan ma seta' jagħmlu għal ħadd ħlief għal Marija; mela favur tagħha hu għamel din il-medjazzjoni bl-aktar mod perfett. Imma dan ma kienx iseħħ kieku Kristu ma applikax il-mertu tiegħu biex jeħles lilha mid-dnub oriġinali.

Ma teżistix riparazzjoni perfetta ta' offiża: jekk wieħed jasal biex jikkalma persuna mweġġgħa u jwassalha biex tagħti l-maħfra, b'daqshekk wieħed ma jistax jitkellem minn riparazzjoni perfetta. Minn dan jiġi li Kristu ma jistax joffri riparazzjoni perfetta lit-Trinità minħabba l-ħtija ta' wlied Adam, jekk hu ma jwaqqafx minn qabel lil xi ħadd milli jkun okkażjoni li bih tiġi offiża t-Trinità, billi jara li, għallanqas ruħ waħda fost ulied Adam tinħeles mill-ħtija oriġinali. Mela teżisti fost ulied Adam ruħ waħda li hi meħlusa minn dil-ħtija, jew għallanqas hu possibbli li din teżisti.

Il-medjatur l-aktar perfett jistħoqqlu li jitneħħa kull kastig minn dak li favur tiegħu hu ġab ir-rikonċiljazzjoni. Nafu li fost il-pwieni kollha d-dnub hu l-akbar waħda minħabba natura intellettwali. Mela jekk Kristu ħabbibna b'mod mill-aktar perfett ma' Alla, hu kien jistħoqqlu li minn xi ħadd jitneħħa kastig daqshekk gravi. Imma dan ma setax iseħħ jekk mhux favur ommu stess; għalhekk għamel li dan iseħħ.

Lil min jgħid li l-obbligu tal-persuna li jinħafer id-dnub hu l-istess bħal dak tal-persuna li tiġi ppreservata mid-dnub, jiena nwieġbu li hu ta' fejda akbar tħares lil xi ħadd mill-ħażen milli tippermetti li dan jaqa' fil-ħażen u mbagħad teħilsu minnu. U jekk Kristu mmerita l-grazzja u l-glorja għal bosta rwieħ, li huma midjunin lejh bħala medjatur tagħhom, għaliex ma jistax ikun hemm ruħ li tkun midjuna lejh minħabba d-don tal-innoċenza? U jekk l-anġli qaddisa huma lkoll innoċenti, għaliex ma għandux ikun hemm ruħ waħda, barra dik ta' Kristu, li tkun bla ebda ħtija?

Mela, billi hi ta' ġid akbar l-innoċenza perfetta mill-maħfra ta' ħtija wara l-waqgħa, il-Verġni Marija rċeviet ġid akbar meta ġiet ippreservata mid-dnub oriġinali minnu kieku ġiet imnaddfa minnu wara l-ħtija.

San Pawl il-Baħar Local Council
Administrative Office
Contact Email: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt
Reports Email: sanpawlil-bahar.lcreportit@gov.mt
Bulky Refuse Collection: https://sanpawl.appraiser.center/get-bulky/
Request for Permits: https://localpermits.gov.mt
Contact No: 21585888 Ext. 1, 2, 3, 4
Address: Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar SPB3411
Opening Hours
Monday to Friday 07.30hrs – 14.30hrs, Saturday 08.00hrs – 11.30hrs
During the month of August
Monday to Friday 07.30hrs – 12.00hrs, Saturday 08.00hrs – 11.30hrs

VASSALLO
BUSINESS PARK

BURMARRAD

TAILOR MADE OFFICES, WORKSHOPS AND STORAGE SPACES

(+356) 7943 2333, (+356) 9947 0266
info@vassallobusinesspark.com

vassallobusinesspark.com

Imħabbet San Franġisk lejn il-Verġni Marija

Nhar l-4 ta' Ottubru l-Knisja Universali tiċċelebra b'ferħ kbir il-festa ta' San Franġisk t'Assisi. Barra minn hekk f'dan ix-xahar ukoll il-Knisja tiddedikah lil Marija taħt it-titlu ta' Omm ir-Rużarju Mqaddes. X'inhi r-rabta bejn San Franġisk u l-Verġni Marija?

Fil-ftit kitbiet li Franġisku ħalliena fihom insibu kemm il-Fqajjar ta' Assisi fehem il-post waħdieni u ċentrali ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna, fl-istorja tagħna l-bnedmin u kif ukoll fir-relazzjoni tagħna ma' Alla. Fil-kitbiet ta' San Franġisk, Marija hija dik li kkoperat mija fil-mija mal-pjan Divin tas-salvazzjoni. Dan setgħet tagħmlu minħabba l-intimità kbira tagħha mal-Mulej. Fl-istess waqt Franġisku jlaqqagħna ma' Marija li hija l-mudell ta' kif għandha tkun ir-relazzjoni personali tagħna mal-Ħallieq u l-Feddej tagħna. Xi kitbiet li jixhdu l-imħabba taħraq ta' San Franġisk lejn Ommna Marija huma t-Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija, l-antifona f'ġieħ Marija li kiteb għall-Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej u biċċiet mill-ittri tiegħu, fosthom dik lill-Insara.

Imħabbet San Franġisk lejn Marija ma kinitx il-frott ta' riflessjoni teoloġika jew akkademika. Anzi kienet biss il-frott tat-talb u l-meditazzjoni tiegħu fuq il-misteru profond ta' Marija u l-post speċjali tagħha fl-istorja tas-salvazzjoni. L-ewwel impressjoni li Franġisku jħallilna ta' Marija, u li nsibuha fit-talbiet Marjani tiegħu, hi li hu kellu ammirazzjoni profonda lejn il-qawwa tagħha. Dan ġej mill-post ċentrali tagħha fis-salvazzjoni li Alla l-Missier ta lid-dinja bl-inkarnazzjoni ta' Ibnu. Il-mod li bih San Franġisk jindirizza lill-Verġni Marija fit-talb tiegħu flimkien mat-titli tal-glorja u l-ġieħ li jagħtiha fihom iħaddnu sbuħija mill-aqwa u kif ukoll il-profondità tad-devozzjoni tiegħu lejha.

Fl-ewwel antifona tal-Uffiċċju tal-Passjoni l-Fqajjar ta' Assisi jgħidilha: "Qaddisa Xebba Marija, qatt ma twieldet oħra bħalek fost in-nisa, bint u qaddejja tas-Sultan l-Aktar Għoli u tal-Missier tas-Sema, Omm il-Mulej

tagħna, il-wisq qaddis Ġesù Kristu, u għarusa tal-Ispirtu s-Santu. Itlob għalina ma' San Mikiel Arkanġlu u mal-Qawwiet kollha tas-Sema u mal-Qaddisin kollha, lil Ibnek maħbub u l-aktar qaddis, Mulej u Mgħallem tagħna". F'din l-antifona, li hija meħuda mill-Uffiċċju tal-Passjoni, għandna l-eku tat-tislima tal-Anġlu Gabrijel lil Marija: "Imbierka int fost in-nisa …" (Luqa 1:28)

Fit-Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija nsibu espressjonijiet oħra li jfaħħru l-kobor u l-privileġġi ta' Marija li ġejjin mir-ruħ ta' Franġisku. "Sliema għalik, o Sinjura qaddisa, u Sultana, Omm imqaddsa ta' Alla, xebba li sirt Knisja! … Fik kien hemm u hemm il-milja tal-grazzja u ta' kull ġid". San Franġisk seta' jifhem il-kobor ta' Marija minħabba l-kontemplazzjoni tiegħu tal-Bibbja u kif ukoll il-parteċipazzjoni tiegħu fil-ħajja sagramentali tal-Knisja. San Franġisk jgħallimna li biex inħobbu lil Marija tassew jeħtieġ li naqraw il-Kelma ta' Alla spiss, nieħdu sehem b'mod attiv fil-ħajja liturġika tal-Knisja u anki nlaħħmu d-devozzjoni popolari lejn Marija li hija r-riżultat aħħari ta' sekli sħaħ ta' riflessjoni fuq it-tagħlim tal-Missirijiet u d-Dutturi tal-Knisja dwar il-Madonna.

Fil-kitbiet ta' San Franġisk, Marija tissemma biss fir-relazzjoni u l-għaqda tagħha ma' Binha Ġesù. Din ir-relazzjoni u l-għaqda ta' Marija mat-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa għandha għeruqha fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. Ir-rabta sħiħa ta' Marija ma' Ġesù hija l-konsegwenza tal-maternità verġinali tagħha.

Fit-Tieni Ittra lill-Insara nsibu hekk: "Il-miġja mis-Sema ta' dan il-Verb tal-Missier, hekk meqjum, qaddis u msebbaħ, kienet mħabbra mill-Missier l-Aktar Għoli nnifsu, permezz tal-Arkanġlu Gabrijel lill-imqaddsa u glorjuża Verġni Marija. Mill-ġuf tagħha ħa ġisem veru bħal tagħna u libes l-istess dgħjufija tagħna l-bnedmin". Filwaqt li fl-Ewwel Twissija San Franġisk jgħidilna: "Araw, kuljum jumilja ruħu (ara Fil 2:8), bħal meta mit-tron irjali tiegħu (ara Għerf 18:15) ġie fi ħdan il-Verġni".

L-iktar kitba ta' San Franġisk li tirrifletti l-għaqda ta' Marija ma' Kristu hija t-Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija.

"Sliem għalik, o Sinjura qaddisa, u Sultana, Omm imqaddsa ta' Alla, xebba li sirt Knisja! Magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema, u minnu kkonsagrata, flimkien ma' Ibnu l-Għażiż u l-aktar Qaddis, u mal-Ispirtu s-Santu, id-Difensur. Fik kien hemm u hemm il-milja tal-grazzja u ta' kull ġid. Sliem għalik, palazz tiegħu; Sliem għalik, tabernaklu tiegħu; Sliem għalik dar tiegħu; Sliem għalik ilbies tiegħu; Sliem għalik, qaddejja

tiegħu; Sliem għalik, Omm tiegħu! U sliem għalikom ilkoll, virtujiet qaddisa lkoll kemm intom, li bil-grazzja u d-dawl tal-Ispirtu s-Santu tiġu msawba fil-qlub tal-fidili, biex minn nies li ma jemmnux, tagħmluhom jemmnu f'Alla".

Taqblu miegħi li mħabbet San Franġisk lejn Marija kienet imsejsa fuq il-fidi u l-ammirazzjoni tiegħu għal dik il-Mara umli u safja li dejjem u f'kollox wettqet ir-rieda ta' Alla f'ħajjitha. Dik li fejn kulħadd ħarab għaliex beża' għal ġildu hija baqgħet ħdejn Binha taħt is-Salib tal-kundanna u l-fidwa. Mal-ġemgħa tad-dixxipli ġarrbet in-niket tat-telfa tiegħu. Imma nikitha dlonk inbidlilha f'ferħ li ma jitfissirx meta rat lil Binha rebbieħ fuq il-mewt u għalhekk, bil-jedd kollu, irċeviet hija wkoll il-qawwa tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja f'Għid il-Ħamsin!

U int, misjuq/a minn imħabbet San Franġisk lejha, għaliex ma titlobhiex kuljum bit-talba tar-Rużarju fil-familja u l-komunità reliġjuża tiegħek? Talbha żgur li jibdlek f'Ġesù Kristu Binha u Ħuk!

P. Mario Attard OFM Cap.

@jbdepartmentstores jbstoresonline.com

JB STORES

MAKING YOUR LIFE AFFORDABLE

OPEN ALL DAY

Mosta Road, St Paul's Bay

2157 4871

CURTAINS
HOME DECOR
HOME TEXTILES
HOUSEHOLD GOODS

L-IKLIN SAN ĠWANN SLIEMA IL-FGURA IL-ĦAMRUN SAN PAWL IL BAĦAR TA' XBIEX IS-SWIEQI GĦAWDEX

Il-Parroċċa fl-Oqsma ta' Publju

Din is-silta ttieħdet mill-ktejjeb 'BURMARRAD, Il-Parroċċa, Fl-Oqsma ta' Publju' (1979) miktub minn P. Alfons M. Sammut OFM Conv., kappillan tal-Parroċċa ta' Burmarrad bejn is-snin 1977 u 1983 u li mar jiltaqa' mal-Ħallieq nhar it-28 ta' Ġunju 2018.

Burmarrad

Hekk kif wieħed iħalli l-Mosta fi triqtu lejn San Pawl il-Baħar, u jasal fuq il-għolja ta' San Gużepp tat-Tarġa, tolqtu żgur id-dehra ta' wita dejjem tħaddar, xitwa u sajf, b'raba' saqwi u dwieli mill-isbaħ, imkenna fuq ġewwa minn Ġebel Għażara u mill-Għolja tal-Wardija u mmelsa fuq xtutha mill-baħar kaħlani fil-Qala ta' Burmarrad, magħrufa wkoll bħala s-Salina. Dan ir-raħal ċkejken li jinfirex fuq medda ta' 2.17 mili kwadri jieħu minn Għajn Riħana sad-daħla ta' Wied Qannotta u t-Telgħa tal-Wardija u minn hemm, fuq it-triq ta' San Pawl il-Baħar, sas-Sqaq tal-Qarbuni u dawra mejt sas-Salini għat-triq il-qadima tan-Naxxar – parroċċa ġdida fuq medda art għanja b'tifkiriet għeżież tal-bidu tat-twemmin Nisrani fi gżiritna.

Rabtiet mal-imgħoddi mbiegħed ...

Luqa, sieħeb Pawlu f'ħafna mill-vjaġġi tiegħu, imma fuq kollox sieħbu fi triqtu mill-ħabs ta' Ċesarija għal Ruma fejn kellu jiġi mismugħ mit-tribunal ta' Ċesari, jgħidilna kif l-Appostlu Missierna u sħabu, meħlusin mill-għarqa u mitfugħin fuq xtut artna, daqu mill-ewwel il-benna tal-qalb tajba ta' missirijietna, li mhux biss laqgħuhom tajjeb u qabbdulhom ħuġġieġa biex jisħnu, imma saħansitra, fil-persuna ta' Publju, offrewlhom saqaf li jkenninhom u dak kollu li kienu jiħtieġu għall-ħajja fl-ewwel jiem tal-qagħda mhux maħsuba tagħhom fostna. Għax Publju, li kien ir-Rajjes tal-gżira u li kellu l-oqsma tiegħu qrib l-imkien fejn tfarrak il-ġifen, laqagħhom għandu, il-276 li kienu, tlitt ijiem sħaħ. U hawnhekk San Pawl għamel l-ewwel miraklu, wara l-ħelsien tiegħu mill-gidma tal-lifgħa

velenuża, b'risq missier Publju li kien marid bid-deni u d-disenterija.[1] It-tradizzjoni dan il-post laqqmitu San Pawl Milqi u llum, wara s-sejbiet importanti tal-Missjoni Arkeoloġika Taljana, li għal sena wara l-oħra mill-1963 sa xi 4 snin ilu, għamlet tiftix u studju bir-reqqa fil-post imsemmi, nistgħu ngħidu li din it-tradizzjoni kisbet il-wetqa tal-fatti.[2] Dnub tassew, li ta' warajna ma jaħfrulna qatt, li wara tant xogħol u spejjeż, fi żmien meta nitħaddtu u niftaħru daqshekk b'wirt artna, min hu fid-dmir li jħares dan il-wirt waħdieni abbandunah għal kollox u qed iħallih jitkisser u jintemm minn idejn vandali sagrilegi.

U la qegħdin insemmu r-rabtiet mal-imgħoddi ma nistgħux ma nsemmux fdalijiet oħra li jinsabu fil-limiti tal-parroċċa. Fl-inħawi tal-Imdawra hemm fdalijiet interessanti ta' tempju neolitiku, magħruf bħala 'Tal-Qadi' xhieda ħajja tar-ruħ reliġjuża ta' missirijietna tal-qedem sa minn qabel ma għarfu 'l Alla veru u prova li din ix-xaqliba tal-gżira fl-ibgħad żminijiet kienet ċentru mgħammar u ħaj. Post ieħor ta' interess storiku u artistiku, u xhieda tal-preżenza ta' komunità Nisranija fis-sekli bikrin tal-Knisja huma l-Katakombi tas-Salina, għonja fid-dekorazzjoni li għadha fi stat tajjeb ħafna, li xi snin ilu kienu ġew imnaddfa mill-membri tal-4Ts Club.

... u mal-imgħoddi inqas imbiegħed

Barra l-knisja żgħira ta' San Pawl Milqi, fil-limiti tal-parroċċa ta' Burmarrad jinsabu tliet kappelli oħra: ta' Santa Margerita Verġni Martri, f'Għajn Riħana, tal-Lunzjata fis-Salini u San Mikiel Arkanġlu fl-Imdawra. Dawn il-kappelli, bħal dawk imxerrdin fil-kampanja ma' Malta kollha, jixhdu l-interess li l-Knisja f'pajjiżna dejjem uriet f'uliedha u l-ħerqa li biha fittxet li tgħin lil dawk li kienu jgħixu 'l bogħod miċ-ċentri iżjed kbar ħalli jaqdu bla tfixkil id-dmirijiet reliġjużi tagħhom.

Fost dawn il-kappelli, li minnhom dawk ta' Għajn Riħana u tas-Salina huma uffiċjati regolarment, ta' San Pawl Milqi kienet dik li ġabret madwarha l-akbar għadd ta' bdiewa, għallanqas fi tmiem is-seklu l-ieħor u fil-bidu tas-seklu tagħna. Hekk dan is-santwarju Pawlin, waħda mill-ħoloq ewlenin tal-istorja glorjuża tal-fidi ta' ġensna, nistgħu nqisuh ukoll l-aħħar ħolqa li torbot mal-aħħar żviluppi tal-komunità Nisranija tal-post fi żminijietna.

---

[1] Ara Atti tal-Appostli, 28, 1-10.

[2] Ara M. Cagiano de Azevedo: *Testimonianze Archeologiche della Tradizione Paolina a Malta*, 1966.

L-ewwel ċaqliq għall-bini ta' knisja

Fil-bidu tas-seklu tagħna, u sewwa sew fl-1905, Burmarrad beda jagħmel mal-parroċċa ġdida ta' San Pawl il-Baħar li l-Arċisqof Mons. Pietru Pace ħalla f'idejn il-Patrijiet Minuri Konventwali. Madanakollu, il-kappella ta' San Pawl Milqi baqgħet tiġi uffiċjata minn qassis innominat mill-Kurja. Hawnhekk il-bdiewa tal-inħawi kienu jinġabru għall-quddies fil-Ħdud u l-festi; hawn kienu jinġemgħu għas-smiegħ tal-Kelma ta' Alla; hawn kienu jitilgħu jagħmlu d-devozzjonijiet tagħhom u jaqdu d-dmirijiet reliġjużi l-oħra tagħhom. Din id-daqxejn ta' kappella kienet tassew iċ-ċentru tal-ħajja spiritwali tal-komunità Nisranija ta' Burmarrad. Iżda meta l-għadd tal-familji beda jiżdied u d-djar fuq it-toroq ħadu post l-irziezet fl-għelieqi, in-nies bdiet tħoss il-ħtieġa ta' knisja akbar u iżjed fil-qabda u ta' għajnuna spiritwali fil-post lejl u nhar. U min jista' jgħid il-bdiewa, miġburin fuq iz-zuntier ta' San Pawl Milqi jew bilqegħda fuq xi ħajt tas-sejjieħ, kemm-il darba ħolmu knisja kbira u sabiħa fil-qalba tar-raħal ċkejken tagħhom! U n-nisa wkoll, fuq l-għetiebi tad-djar, ma kienux jitkellmu fuq ħaġa oħra għajr fuq il-ħtieġa ta' knisja akbar u ta' saċerdot li jgħix fosthom. Iżda kull xewqa, imqar jekk tajba u qaddisa, bħal bajtar, trid iż-żmien biex issir.

Fl-1947, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi kien qiegħed jagħmel l-ewwel żjara pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, u filwaqt li kien qiegħed iżur il-kappella ta' San Pawl Milqi, f'diskors qasir lin-nies li kienu nġabru biex jagħtuh merħba qalilhom li hu lest biex jisma' l-ilmenti u x-xewqat tagħhom u jagħtihom kull għajnuna possibbli. In-nies dak kienu qegħdin jistennew u mal-ħaġra t-tajn, xi nisa li għadhom ħajjin, imma li ma jixtiequx jissemmew, hemm fuq iz-zuntier qatgħuha li jmorru jkellmuh. Niżlu l-M.U.S.E.U.M. u talbu lill-Kappillan biex jidħlu jkellmuh. Il-laqgħa ma kienetx twila u l-kliem ċar: il-komunità Nisranija ta' Burmarrad, 65 familja li jgħoddu 300 ruħ, kienet tixtieq li jkollha knisja akbar u saċerdot fil-post li jieħu ħsiebha u jaqdiha fil-ħtiġijiet spiritwali tagħha. L-Arċisqof li ra l-ħeġġa ta' dawn in-nies u għaraf id-diffikultajiet li kienu jsibu, xitwa u sajf, biex imorru San Pawl il-Baħar ħalli jisimgħu l-quddiesa ta' kuljum, staqsa jekk kienx hemm diġà flus miġbura għall-bini tal-knisja u meta weġbuh 'le', tbissem u qalilhom: 'Ma tafux kemm tridu flus biex tibnu knisja!' Fl-istess ħin wegħdhom li kellu jagħmel mill-aħjar biex jipprovdilhom il-quddiesa ta' kuljum. Kien is-16 ta' Jannar.

Iżda n-nies mhux din it-tweġiba riedu. Anqas ma talbu flus biex jibnu knisja. Riedu biss il-permess tal-awtorità biex ikunu jistgħu jmiddu

għonqhom għax-xogħol li huma kienu jafu sew li ma kienx ħafif. Għalhekk huma dehrilhom li kien meħtieġ li lill-Arċisqof ifehmuh sewwa dan. U sena wara, fid-29 ta' Frar 1948, intbagħtet ittra lill-Arċisqof biex tintalab udjenza ħalli jkun jista' jitkompla d-diskors mibdi s-sena ta' qabel fil-Viżta Pastorali. Il-laqgħa seħħet fid-9 ta' April, iżda progress ftit li xejn sar; biss, l-Arċisqof wiegħed li hu stess kellu jkellem lill-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali biex jara hux possibbli li jiftaħ kunvent ċkejken f'Burmarrad.

Laqgħat oħra mal-Arċisqof saru fil-21 ta' Mejju, fl-1 u fid-29 ta' Ottubru 1948 u fit-3 ta' Frar 1950. Bħala frott ta' dawn il-laqgħat, mill-10 ta' Frar, Dun Anton Muscat, Rettur tal-Knisja ta' San Pawl Milqi, beda jinżel iqaddes kuljum hemmhekk. Ħaġa żgħira li żgur ferrħet lin-nies tal-post, imma li żgur ukoll ma nessithomx il-ħolma tagħhom.

U l-Patrijiet tal-Parroċċa?

Jekk l-Arċisqof qattx kellem lill-Provinċjal dwar ix-xewqa tan-nies ta' Burmarrad ma nafux. Hu stess lir-rappreżentanti tal-post fil-laqgħat li kellu magħhom qatt ma qalilhom li kellmu. Hekk ukoll, anqas nafu sew għala n-nies ta' Burmarrad ma ressqux it-talba tagħhom lill-Kappillan tal-Parroċċa jew lill-Provinċjal personalment. Ir-raġuni għal dan setgħet kienet li billi r-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl Milqi kien qassis, beżgħu li b'hekk setgħu joffenduh. Hu x'inhu, il-kappillan u l-patrijiet, għalkemm mhux b'mod uffiċjali, saru jafu bix-xewqa tan-nies ta' Burmarrad u minnaħa tagħhom, b'mod ukoll mhux uffiċjali, urew li kienu lesti jagħtu s-servizz tagħhom, kif kien dmirhom, ukoll f'Burmarrad kif minn żmien kienu jagħtuh il-Manikata u l-Pwales.

L-ewwel snin tal-ħamsinijiet raw il-patrijiet tal-parroċċa jibdew juru interess fil-proġett ta' knisja għal Burmarrad. Kull meta l-kappillan jew xi patri kien imur Burmarrad jew jiltaqa' ma' xi ħadd minn Burmarrad il-kliem kien dejjem jaqa' fuq il-knisja. Hawnhekk mhux ta' min jinsa lil Fra Filippu Grima (*Fra Lipp*, kif kulħadd kien jafu), li kien ġej u sejjer minn San Pawl għal Burmarrad u li bil-mod sempliċi tiegħu, imma b'kelma mħeġġa, kien jagħmel il-qalb u, biex ingħid hekk, isuq lin-nies, ħalli jħabirku u jsusu mas-Superjuri biex jagħtuhom il-permess għall-bini tal-knisja.

F'Ottubru tal-1953 il-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar għaddiet f'idejn P. Serafin Galea, u s-Sur Manwel Bonnici li kien ir-ruħ tal-proġett tal-knisja ma damx ma resaq għand il-kappillan il-ġdid u – kif ġà qabel bosta drabi kien kellem lil P. Ġannfranġisk Grima – f'isem in-nies tal-post urieh ix-

xewqa li jibnu knisja f'Burmarrad. P. Serafin, kif kien dmir tiegħu, għarraf b'kollox lill-Provinċjal P. Piju Mamo, u dan, li ftit qabel kien midd għonqu għall-bini ta' knisja u kunvent ġdid f'Birkirkara, mhux biss ma warrabx l-idea, iżda ħadha bl-ikbar serjetà. Hekk, f'diversi żjajjar fuq il-post, mal-kappillan, mas-Sur Bonnici u ma' xi nies oħra, beda t-tiftix tal-art fejn setgħet tinbena l-knisja. U l-art ma damitx ma nstabet b'kunsens komuni u bi ftehim sħiħ. Biċċa raba' magħrufa 'tat-tafal', ftit li xejn tajba għall-uċuħ, setgħet tnibbet u tkabbar 'id-Dar tat-Talb', frott il-fidi tal-bdiewa tal-inħawi, l-Għamara ta' Alla f'nofshom.[3]

L-art kienet tal-Gvern u bla telf ta' żmien bdew il-proċeduri meħtieġa mil-liġi biex din tinkiseb mill-Provinċja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali. Dawn saru bla ħafna intoppi u fil-bidu tal-1955, P. Piju Mamo, f'isem il-Provinċja ffirma l-kuntratt u ħa b'titlu ta' ċens perpetwu l-art msemmija biex fuqha tinbena knisja u kunvent għall-patrijiet. Iż-żmien kien daħal, il-bajtra bdiet issir, u n-nies ferħu bit-tama ta' ġbir il-frott fil-qrib.

---

[3] Parti minn din l-art kienet ukoll magħrufa minn nies tal-post bħala "*iċ-ċens*".



SWEET KING

Homemade products the professional way

Burmarrad Road

Burmarrad next to church

27333578

99231569
kpt.kpttradingmalta@gmail.com
KPT TRADING MALTA
KPT
TRADING
2005 2025

BONNICI STORES LTD.

Agriculture-Construction
Cleaning-Electrical-Marine

21571126 - bonnici.stores@gmail.com

FAP
CERAMICHE
Naturalmente casa.

TRUE COLOR



s&s
BATHROOMS

a: New Street, Vjal il-Labour,
Naxxar. NXR9027. Malta
w: www.ssbathrooms.com
e: info@ssbathrooms.com
t: +356 2141 2222
SSBathroomsLtd